KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
TRSTENJAK
ippreżentati fit-13 ta' Settembru 2012[1]

Kawża C-92/11

RWE Vertrieb AG
vs
Verbraucherzentrale Nordrhein-Westfalen eV

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesgerichtshof [il-Ġermanja])

"Klawżoli ta' reviżjoni ta' prezz ta' kuntratti għal provvista ta' gass — Kunċett ta' dispożizzjoni mandatarja li jinsab fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 — Kundizzjonijiet ġenerali li jirreferu għal dispożizzjonijiet mandatarji — Ċarezza mitluba mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u mill-Artikolu 3(3), moqri flimkien mal-Anness A(b) u (ċ) tad-Direttiva 2003/55 — Natura abbużiva ta' klawżola li tippermetti li l-kuntratt jiġi midbul unilateralment, fis-sens tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 fir-rigward tal-Anness [(riferiment għall-klawżoli msemmija fl-Artikolu 3(3), punt 1(j) u punt 2(b)]"

Werrej

I – Il-kuntest ġuridiku 3

A – Id-dritt tal-Unjoni 4

1. Id-Direttiva 93/13 4

2. Id-Direttiva 2003/55 5

B – Il-leġiżlazzjoni nazzjonali 6

1. AVBGasV tal-21 ta' Ġunju 1979 6

2. Il-Kodiċi Ċivili (Bürgerliches Gesetzbuch) (iktar 'il quddiem il-"BGB") 7

II – Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari 7

III – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja 9

IV – L-argumenti prinċipali tal-partijiet 9

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

A – L-ewwel domanda preliminari 9

B – It-tieni domanda preliminari 10

V – Evalwazzjoni ġuridika 10

A – Fuq l-ewwel domanda preliminari 10

1. Assenza ta' definizzjoni legali tal-kunċett ta' dispożizzjoni mandatarja u diverġenza tal-verżjonijiet lingwistiċi 11

2. Oriġini u għan tad-dispożizzjoni 12

a) Oriġini 12

b) Kunsiderazzjonijiet teleoloġiċi 13

i) Kunsiderazzjonijiet ġenerali fuq id-Direttiva 93/13 13

ii) Kunsiderazzjonijiet speċifiċi fuq l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 13

B – Fuq it-tieni domanda 16

1. Rabta bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u l-klawżola ta' abbuż tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 17

2. Rabta bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipju ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 18

3. 3.Portata tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-qrati nazzjonali 19

4. Eżami tal-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni fid-dawl tal-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 moqrija b'mod partikolari fid-dawl tal-punt 1(j) u tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 20

a) Kundizzjonijiet essenzjali ta' validità ta' klawżola ta' reviżjoni ta' prezz 21

b) Attenwanti tal-prinċipju ta' ċarezza permezz tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-konsumatur 21

i) Possibbiltà ta' rexissjoni 21

ii) Possibbiltà li l-klawżola tiġi ssuġġettata għall-istħarriġ tal-qorti 23

iii) Evalwazzjoni finali 23

5. Eżami tal-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni fid-dawl tal-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 moqri b'mod partikolari fid-dawl tal-Anness A ... 24

6. Sunt 24

C – C - Fuq il-limitazzjoni possibbli tal-effetti tas-sentenza 25

VI – Konklużjonijiet 26

I – Introduzzjoni

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof Ġermaniż tikkonċerna kwistjonijiet ta' protezzjoni tal-konsumatur fil-kuntratti għal provvista ta' gass. Ir-rikorrenti fil-proċedura fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") hija assoċjazzjoni ta' konsumaturi, issurrogata fid-drittijiet ta' 25 klijenti ta' fornitur ta' enerġija, li qed taġixxi kontra ż-żidiet fil-prezz applikati minn dan tal-aħħar mill-2003 sal-2005. F'dak iż-żmien, id-djar u l-impriżi ż-żgħar kienu jixtru l-gass b'tariffi msejħa standard jew speċjali. F'dak iż-żmien, kienu biss il-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard li kienu rregolati b'leġiżlazzjoni nazzjonali, jiġifieri d-digriet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għal provvista ta' gass lill-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard (Verordnung über allgemeine Bedingungen für die Gasversorgung von Tarifkunden) (iktar 'il quddiem 'il "AVBGasV")[2]. Il-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard fis-sens ta' dan id-digriet kienu dawk li kienu jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-provvista bażi u huma kienu jibbenefikaw mill-prezzijiet tat-tariffa ġenerali. L-abbonati għall-gass kellhom madankollu l-possibbiltà li jidderogaw mill-kundizzjonijiet ta' dan id-digriet nazzjonali. Dan huma kienu jagħmluh sikwit b'mod partikolari għaliex huma kienu mbagħad iħallsu prezzijiet iktar vantaġġużi. Il-forniturі ta' enerġija kienu għalhekk jikkonkludu ma' dawn il-klijenti kuntratti b'tariffi msejħa speċjali li ma kinux jaqgħu taħt l-AVBGasV u kienu jiftiehmu magħhom kundizzjonijiet kuntrattwali u prezz speċjali. Sostanzjalment, dawn il-kuntratti kienu jirreferu, fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħhom, għall-AVBGasV jew kienu jirriproduċu letteralment id-dispożizzjonijiet li jinsabu fih. F'kull każ parti minn dawk li ssurrogaw lir-rikorrenti huma klijenti speċjali ta' dan it-tip. Punt essenzjali ta' diverġenza bejn il-partijiet fil-proċedura fil-kawża prinċipali huwa l-kwistjoni jekk il-fornitur ta' enerġija, il-konvenuta fil-proċedura fil-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"konvenuta"), tistax tinvoka dispożizzjoni tal-AVBGasV li tawtorizza lill-fornitur ta' enerġija li jżid il-prezzijiet tiegħu.

2. Huwa f'dan il-kuntest li l-qorti tar-rinviju tixtieq tistaqsi jekk id-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur[3] hijiex ukoll applikabbli fid-dawl tal-Artikolu 1(2) tagħha, meta, f'kuntratt konkluż ma' konsumatur, negozjant jistipula, fi klawżola li t-termini tagħha ma jkunux ġew innegozjati, l-applikazzjoni ta' dispożizzjoni legali li ċertament ma hijiex intiża sabiex tapplika għall-partijiet u għall-kuntratt li huma kkonkludew imma li ġiet madankollu riprodotta letteralment mill-parti kontraenti li tistipula l-klawżola. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk klawżola mhux ċara fid-dawl tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 3 u 5 u tal-punti 1(j) u 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll fid-dawl tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(3) u tal-Anness A(b) jew (c) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE[4], tistax madankollu titqies li hija suffiċjentement ċara u tinftiehem meta hija tiggarantixxi li l-fornitur jinnotifika lill-klijenti tiegħu kull żieda ta' prezz f'terminu raġonevoli u li l-klijenti jkollhom id-dritt li jissuġġettaw dik iż-żieda fil-prezz għall-istħarriġ ta' qorti kif ukoll għal rexissjoni ta' dan il-kuntratt.

2 — BGBl. I 1979, p. 676. L-AVBGasV baqa' fis-seħħ sas-7 ta' Novembru 2006. Kien tħassar bid-digriet tas-26 ta' Ottubru 2006, digriet dwar il-kundizzjonijiet ġenerali għal provvista ta' bażi tal-gass naturali lid-djar u għal provvista ta' sostituzzjoni ta' gass b'netwerk ta' pressjoni baxxa (Verordnung über Allgemeine Bedingungen für die Grundversorgung von Haushaltskunden und die Ersatzversorgung mit Gas aus dem Niederdrucknetz) (iktar 'il quddiem "Gasgrundversorgungsverordnung" jew "GasGVV") (BGBI. I p. 2391, 2396).

3 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288.

4 — ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 230.

II – Il-kuntest ġuridiku

A – *Id-dritt tal-Unjoni*

1. Id-Direttiva 93/13

3. It-tlettax, l-erbatax u l-għoxrin premessa tad-Direttiva 93/13 huma fformulati kif ġej:

"[…] d-disposizzjonijiet statutorji jew regolatorji ta' l-Istati Membri li jistabbilixxu direttament jew indirettament il-klawżoli tal-kuntratti tal-konsumatur huma preżunti li ma' fihomx klawżoli inġusti, billi għal dan il-għan, ma jidhirx li huwa meħtieġ li jiġu assoġġettati l-klawżoli li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u l-prinċipji jew id-disposizzjonijiet tal-konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom huma parti l-Istati Membri jew il-Komunità; billi f'dak ir-rigward il-kliem "disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji" fl-Artikolu 1(2) ikopru wkoll ir-regoli li, skond il-liġi, għandhom jgħoddu bejn il-partijiet kontraenti sakemm ma twaqqfux xi arranġamenti oħra;

[…] l-Istati Membri għandhom madankollu jiżguraw li ma jkunux inklużi klawżoli inġusti, partikolarment għaliex din id-Direttiva tgħodd ukoll għal snajja, negozji jew professjonijiet ta' natura pubblika;

[…]

il-kuntratti għandhom jiġu abbozzati f'lingwa ċara, li tiftiehem, il-konsumatur għandu fil-fatt jingħata opportunità biex jeżamina l-klawżoli kollha u, jekk ikollu xi dubju, l-interpretazzjoni l-aktar favorevoli lejn il-kunsumatur għandha tirbaħ."

4. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi li:

"Il-klawżoli kuntrattwali li jirriflettu disposizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji u d-disposizzjonijiet jew il-prinċipji ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom ikunu parti l-Istati Membri jew il-Komunità, b'mod partikolari fil-qasam tat-trasport, m'għandhomx ikunu suġġetti għad-disposizzjonijiet ta' din id-Direttiva."

5. L-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 93/13 jipprovdi li ġej:

"(1) Klawżola kuntrattwali li ma tkunx ġiet negozjata individwalment għandha titqies inġusta jekk, kontra l-ħtieġa ta' buona fede, tkun tikkawża żbilanċ sinifikanti fid-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet li joħorġu mill-kuntratt, bi ħsara għall-konsumatur.

[…]

(3) L-Anness għandu jkun fih lista indikattiva u mhux eżawrjenti tal-klawżoli li jistgħu jiġu kkunsidrati inġusti."

6. L-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 jipprovdi:

"(1) Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 7, il-karattru inġust ta' klawżola kuntrattwali għandu jiġi stmat, billi titqies in-natura tal-merkanzija jew servizzi li għalihom ikun kien konkluż il-kuntratt u ssir referenza, filwaqt li jiġi konkluż il-kuntratt, għaċ-ċirkostanzi kollha preżenti waqt il-konklużjoni tal-kuntratt u għall-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt jew ta' kuntratt ieħor li jiddependi fuqu.

(2) L-istima tan-natura inġusta tal-klawżoli la għandha tirrelata mad-definizzjoni tal-kwistjoni prinċipali tas-suġġett tal-kuntratt u lanqas mas-sufiċjenza tal-prezz u r-remunerazzjoni, fuq naħa waħda, kontra s-servizzi jew il-merkanzija provduti bi tpartit, fuq in-naħa l-oħra, safejn dawn il-klawżoli jkunu f'lingwaġġ sempliċi u ċar."

7. L-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 jistabbilixxi:

"Fil-każ ta' kuntratti fejn ċerti klawżoli jew il-klawżoli kollha offruti lill-konsumatur ikunu bil-miktub, dawn il-klawżoli għandhom ikunu abbozzati b'lingwaġġ sempliċi u ċar."

8. Il-punt 1(j) tal-Anness għad-Direttiva 93/13 ("klawżoli msemmija fl-Artikolu 3(3)") jinvoka: "Klawżoli li għandhom l-għan jew l-effett li: [...] jawtorizzaw lill-bejjiegħ jew lill-fornitur li jibdel il-klawżoli ta' kuntratt minn naħa waħda biss mingħajr raġuni valida li tkun speċifikata fil-kuntratt."

9. It-tieni subparagarafu tal-punt 2(b) tal-Anness għad-Direttiva 93/13 jippreċiża l-ambitu tas-subparagrafu (j) kif ġej:

"Is-subparagrafu (j) huwa mingħajr xkiel għal klawżoli li taħthom fornitur ta' servizzi finanzjarji jirriserva d-dritt li jibdel ir-rata ta' imgħaxijiet pagabbli mill-konsumatur jew dovuti lilu, jew l-ammont ta' imposti oħra għal servizzi finanzjarji bla avviż fejn ikun hemm raġuni valida, sakemm dak il-fornitur ikun meħtieġ jinforma lil parti jew partijiet kontraenti oħra tagħhom fl-opportunità l-aktar kmieni u li dawn ta' l-aħħar ikunu liberi li jxolju l-kuntratt immedjatament."

2. Id-Direttiva 2003/55 [5]

10. L-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 huwa redatt fit-termini li ġejjin:

"L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti finali u jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur u għandhom, b'mod partikolari, jaċċertaw illi hemm salvagwardji xieraq għall-ħarsien tal-klijenti vulnerabbli, inklużi miżuri xierqa biex jgħinuhom jevitaw id-diskonnessjoni. F'dan il-kuntest jistgħu jieħdu l-passi xierqa biex iħarsu l-klijenti f'żoni remoti li huma mqabbda mas-sistema tal-gass. L-Istati Membri jistgħu jaħtru provditur ta' l-aħħar riżort għall-klijenti mqabbdin man-netwerks tal-gass. Għandhom jaċċertaw livelli għoljin ta' protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari rigward trasparenza rigward it-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali ta' l-appalti, informazzjoni ġenerali u mekkaniżmi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijent eliġibbli effettivament jista' jaqleb għal provditur ġdid. Rigward klijenti tad-dar dawn il-miżuri għandhom jinkludu dawk stabbiliti fl-Anness A."

11. L-Anness A tad-Direttiva 2003/55 jikkonċerna l-miżuri dwar il-protezzjoni tal-konsumaturi:

"Mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Komunità dwar il-protezzjoni tal-konsumatur, b'mod partikolari d-Direttivi 97/7/KE [...] u d-Direttiva 93/13/KE [...], il-miżuri msemmija fl-Artikolu 3 għandhom jaċċertaw li l-klijenti:

a) [...]

5 — Id-Direttiva 2003/55 li kienet fis-seħħ fid-data ta' meta seħħew iż-żidiet inkwistjoni tal-1 ta' Lulju 2004 sal-1 ta' Ottubru 2005 kienet tħassret fit-3 ta' Marzu 2011 bid-Direttiva 2009/73/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-13 ta' Lulju 2009, dwar ir-regoli komuni għas-suq intern tal-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 2003/55/KE (ĠU L 211, p. 94), li tinkludi dispożizzjonijiet analogi għall-Artikolu 2, l-Artikolu 3(3), u għall-Anness A tad-Direttiva 2003/55. Għall-kuntrarju, id-Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p, 28) li kienet għadha fis-seħħ meta seħħew iż-żidiet inkwistjoni mill-1 ta' Jannar 2003 sat-30 ta' Ġunju 2003 għad ma tinkludix dispożizzjonijiet paragunabbli.

Il-kondizzjonijiet għandhom ikunu imparzjali u magħrufa sew minn qabel. Fi kwalunkwe każ, din l-informazzjoni għandha tingħata qabel il-konklużjoni jew il-konferma tal-kuntratt. Fejn il-kuntratti jiġu konklużi permezz ta'intermedjarji, din l-informazzjoni għandha tingħata wkoll qabel il-konklużjoni tal-kuntratt;

b) jingħataw avviż xieraq dwar kwalunkwe intenzjoni li l-kondizzjonijiet tal-kuntratti jiġu modifikati u jiġu informati dwar id-dritt tagħhom ta' rtir meta jingħata l-avviż. Il-provdituri tas-servizzi għandhom javżaw lis-sottoskritti tagħhom direttament dwar kwalunkwe żieda fil-piżijiet [prezzijiet], fi żmien xieraq mhux aktar tard minn perjodu wieħed fejn isir il-kont, wara li ż-żieda tkun daħlet fis-seħħ. L-Istati Membri għandhom jaċċertaw li l-klijenti huma liberi li jirtiraw mill-kuntratti jekk ma jaċċettawx il-kondizzjonijiet ġodda, notifikati lilhom mill-provditur tagħhom tas-servizzi tal-gass;

ċ) jirċievu informazzjoni trasparenti dwar il-prezzijiet li japplikaw u t-tariffi u dwar termini kondizzjonijiet standard, rigward l-aċċess għal u l-użu tas-servizzi tal-gass;

d) [...] It-termini u l-kondizzjonijiet ġenerali għandhom ikunu imparzjali u trasparenti. Għandhom jingħataw f'lingwa ċara u li tinftiehem. Il-klijenti għandhom jiġu mħarsa kontra l-metodi tal-bejgħ mhux imparzjali u qarriqin."

12. Skont l-Artikolu 33(1) tad-Direttiva 2003/55, l-Istati Membri kellhom jittrasponu d-Direttiva qabel l-1 ta' Lulju 2004.

B – *Il-leġiżlazzjoni nazzjonali*

1. AVBGasV tal-21 ta' Ġunju 1979[6]

13. L-Artikolu 1(2) ta' dan id-digriet fih id-definizzjoni li ġejja:

"Il-klijent fis-sens ta' dan ir-regolament huwa l-klijent li jaqa' taħt it-tariffa standard."

14. Fil-ġurisprudenza tal-Bundesgerichtshof, l-Artikolu 4(1) u (2) tal-AVBGasV jagħti d-dritt lill-fornituri tal-gass li jimmodifikaw il-prezz tat-tariffa ġenerali *ex aequo et bono* (Artikolu 315 tal-BGB)[7]. Din id-dispożizzjoni tinqara kif ġej:

"1) L-impriża li tipproduċi l-gass tipprovdi l-gass taħt il-kundizzjonijiet u tariffi ġenerali rispettivament applikabbli. Il-valur kalorifiku mal-marġni ta' varjazzjoni li jirriżulta mill-kundizzjonijiet ta' produzzjoni u ta' xiri tal-impriża kif ukoll il-pressjoni statika tal-gass li jikkorrispondu mal-provvista lill-klijent għandhom ikunu ddeterminati skont it-tariffi ġenerali.

2) Il-modifiki li jsiru lit-tariffi ġenerali u l-kundizzjonijiet ġenerali ma jkollhomx effett qabel il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom."

6 — Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 2.

7 — Ara l-punt 14 tad-deċiżjoni tar-rinviju.

2. Il-Kodiċi Ċivili (Bürgerliches Gesetzbuch) (iktar 'il quddiem il-"BGB")

15. L-Artikolu 307 tal-BGB jipprovdi:

"(1) Id-dispożizzjonijiet li jinsabu f'kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ ma humiex applikabbli meta huma jippreġudikaw indebitament u kontra l-prinċipji tal-*bona fides* il-parti kontraenti tal-persuna li tutilizzahom. Preġudizzju indebitu jista' jirriżulta wkoll mill-fatt li d-dispożizzjoni inkwistjoni ma hijiex b'lingwaġġ sempliċi u ma hijiex ċara.

(2) F'każ ta' dubju, għandu jiġi rikonoxxut żvantaġġ indebitu meta dispożizzjoni:

1. ma hijiex kompatibbli mal-kunċetti essenzjali tar-regolament legali li minnu hija tiddevja, jew

2. tillimita drittijiet jew obbligi essenzjali li jirriżultaw min-natura tal-kuntratt sal-punt li tikkompromett i-twettiq tal-għan tal-kuntratt.

(3) Il-paragrafi 1 u 2 kif ukoll l-Artikoli 308 u 309 japplikaw biss għad-dispożizzjonijiet ta' kundizzjonijiet ġenerali ta' bejgħ li għandhom l-għan li jidderogaw dispożizzjonijiet legali jew li jikkompletawhom. Dispożizzjonijiet oħra jistgħu ma jkunux applikabbli taħt id-dispożizzjonijiet magħquda tal-ewwel u t-tieni sentenzi tal-paragrafu 1."

16. L-Artikoli 308 u 309 BGB jikkonkretizzaw l-Artikolu 307(2) BGB billi jipprojbixxu klawżoli partikolari.

17. Skont l-Artikolu 310(2) tal-BGB:

"L-Artikoli 308 u 309 ma humiex applikabbli għall-kuntratti tal-impriżi ta' provvista ta' enerġija elettrika, ta' gass, ta' ilma u ta' tisħin distrettwali li jirregolaw il-provvista ta' klijenti b'kuntratt speċjali minn netwerk, sa fejn il-kundizzjonijiet għal provvista ma jiddevjawx, bi preġudizzju ta' dawn tal-aħħar, minn regolamenti fuq il-kundizzjonijiet ġenerali ta' provvista tal-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard ta' enerġija elettrika, gass, tisħin distrettwali u ilma. L-ewwel sentenza tapplika *mutatis mutandis* għall-kuntratti dwar purifikazzjoni tad-drenaġġ."

III – Il-fatti, il-proċedura fil-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

18. Ir-rikorrenti, assoċjazzjoni ta' konsumaturi, li għandha personalità ġuridika, hija ssurrogata fid-drittijiet ta' 25 konsumatur tal-gass u teżerċita bħala tali kontra l-konvenuta, fornitur ta' enerġija, drittijiet għar-rimbors ta' żidiet fil-prezz li seħħew fis-snin 2003 sa 2005. Il-konvenuta ġġustifikat dawn iż-żidiet fil-prezz permezz ta' klawżoli kuntrattwali li jirreferu għas-sistema legali tal-AVBGasV jew li fihom regoli identiċi. Skont il-kliem espress tal-Artikolu 1 tiegħu, dan l-AVBGasV madankollu japplika biss għall-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard. Skont l-Artikolu 36(1) tal-Energiewirtschaftsgesetz (Liġi Ġermaniża dwar l-Enerġija) (iktar 'il quddiem l-"EnWG 2005") (drabi oħra l-ewwel sentenza tal-Artikolu 10(1) tal-EnWG 1998) il-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard huma dawk li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-provvista bażi minn kull wieħed mill-fornituri u huma kienu jgawdu minn prezzijiet tat-tariffa ġenerali. Ħafna drabi dawn huma klijenti li jikkonsmaw relattivament ftit enerġija[8]. L-abbonati tal-gass kellhom madankollu l-possibbiltà f'dak iż-żmien li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet tal-AVBGasV. Dawn kienu jagħmlu dan sikwit b'mod partikolari minħabba li huma kienu jħallsu prezzijiet iktar baxxi. Il-fornituri ta' enerġija kienu mbagħad ikkonkludew ma' dawn il-klijenti kuntratti b'tariffi msejħa speċjali li ma jaqgħux taħt l-AVBGasV u

8 — Kif indikat parti mingħajr ma ġiet ikkontestata; ara f'dan ir-rigward ir-rikors tas-7 ta' Settembru 2006, p. 61.

ftiehmu magħhom kundizzjonijiet kuntrattwali u prezzijiet partikolari. Essenzjalment, fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħhom, dawn il-kuntratti jirreferu għall-AVBGasV jew jirriproduċu letteralment id-dispożizzjonijiet li jinsabu fih. F'kull każ uħud minn dawk li ssurrogaw lir-rikorrenti huma klijenti speċjali ta' dan it-tip.

19. Matul il-perijodu mill-1 ta' Jannar 2003 sal-1 ta' Ottubru 2005, il-konvenuta żiedet il-prezzijiet tal-gass f'erba' okkażjonijiet. Matul dak il-perijodu, il-25 abbonat ma kellhomx verament il-possibbiltà li jibdlu l-fornitur tal-gass għaliex il-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija ma kinitx għadha twettqet biżżejjed b'mod li huma kien għad ma kellhomx għażla fil-forniturі li setgħu jipprovdu lil dawk li ssurrogaw bil-gass [9]. Il-klijenti kienu għalhekk ħallsu mill-2003 sal-2005, uħud b'riżerva ta' rimbors, l-ammonti ffatturati lilhom għaż-żieda fil-prezz tal-gass ikkunsinnat.

20. Ir-rikorrenti tqis li ż-żidiet fil-prezz tal-gass huma invalidi u għalhekk titlob ir-rimbors tal-ammonti mħallsa għal dan il-għan. Il-Landgericht laqgħet it-talba u l-appell tal-konvenuta ma ntlaqax. Il-Qorti tal-Appell ċaħdet l-appell għar-raġuni li l-Artikolu 4 AVBGasV ma jawtorizzax lill-konvenuta żżid it-tariffi peress li din id-dispożizzjoni tista' tiġi applikata biss, skont l-Artikolu 1(2) AVBGasV, għall-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard. Il-klawżoli ta' reviżjoni ta' prezz jiksru l-Artikolu 307 BGB għaliex ma humiex suffiċjentement ċari u preċiżi u jippreġudikaw il-klijenti b'mod sproporzjonat għaliex fil-verità huma ma għandhomx il-mezzi sabiex jivverifikaw il-fondatezza ta' żieda fil-prezz. L-interess leġittimu tal-konvenuta, li għandu jittieħed inkunsiderazzjoni minħabba r-relazzjonijiet kuntrattwali fit-tul, ukoll ma jbiddel xejn miċ-ċirkustanza li l-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz tikkorrispondi mal-mudell legali tal-Artikolu 4(1) u (2) tal-AVBGasV. Fir-Reviżjoni tagħha awtorizzata mill-Qorti tal-Appell, il-konvenuta kompliet tinsisti sabiex it-talba tiġi miċħuda.

21. Il-Bundesgerichtshof, li quddiemu daħlet ir-Reviżjoni, tistaqsi minn naħa jekk id-Direttiva 93/13 għandhiex tapplika, fid-dawl tal-Artikolu 1(2) tagħha, u titlob kjarifika jekk il-possibbiltà ta' stħarriġ ta' klawżola taħt id-Direttiva 93/13 hijiex eskluża jekk fornitur tal-gass u konsumatur jiftiehmu, fi klawżola partikolari mhux innegozjata fil-kuntratt tagħhom, l-applikazzjoni assoluta ta' dispożizzjoni legali, anki jekk dik id-dispożizzjoni legali ma tkunx applikabbli legalment għall-partijiet kontraenti u għat-tip ta' kuntratt li huma kkonkludew. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tirrileva li ma hemm l-ebda raġuni sabiex jiġu ffavoriti l-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffi speċjali fil-konfront tal-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard. Din hija wkoll l-idea li tinsab fl-Artikolu 310(2) tal-BGB Ġermaniż.

22. Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju tixtieq issir taf jekk il-klawżoli kuntrattwali ta' reviżjoni ta' prezz mill-fornitur ta' gass, li ma jkun fihom l-ebda indikazzjoni dwar il-motiv, il-kundizzjonijiet u l-ammont ta' reviżjoni tal-prezz, jistgħux jitqiesu li huma suffiċjentement ċari u jinftiehmu fid-dawl tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 3 u 5 u tal-punti 1(j) u 2(b) tal-Anness tad-Direttiva 93/13/KEE kif ukoll tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(3) u tal-Anness A(b) jew (ċ) tad-Direttiva 2003/55, meta huma jiggarantixxu li l-fornitur jinnotifika lill-klijenti tiegħu b'kull żieda ta' prezz bi preavviż raġonevoli u li l-klijenti jkollhom il-possibbiltà li jissuġġettaw dik iż-żieda għall-istħarriġ ta' tribunal u li jirrexindu l-kuntratt. F'dan il-kuntest, il-qorti tar-rinviju tesprimi dubji dwar l-applikabbiltà tal-Anness A(ċ) tad-Direttiva 2003/55 f'dan il-każ għar-raġuni li dik id-dispożizzjoni ssemmi biss il-"prezz u tariffi fis-seħħ" u mhux iż-żieda fil-prezz.

23. Kien f'dawn iċ-ċirkustanzi li l-Bundesgerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel id-domandi preliminari li ġejjin lill-Qorti tal-Ġustizzja:

1) L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli kuntrattwali dwar bidla fil-prezzijiet inklużi f'kuntratti ta' provvista tal-gass li ġew konklużi ma' konsumaturi li jingħataw is-servizz barra mill-obbligu ġenerali ta' provvista ta' gass, fil-kuntest tal-libertà kuntrattwali tad-dritt komuni (klijenti b'kuntratti speċjali), ma humiex suġġetti

9 — Kif tindika l-konvenuta stess fir-replika tagħha tat-22 ta' Diċembru 2006.

għad-dispożizzjonijiet ta' din id-direttiva jekk ir-regoli legali fis-seħħ, applikabbli għall-klijenti li jaqgħu taħt ir-rata fissa [tariffa standard] fil-kuntest tal-obbligu ġenerali ta' konnessjoni u provvista ta' gass, jiġu inkorporati mingħajr tibdil fir-relazzjonijiet kuntrattwali mal-klijenti b'kuntratti speċjali?

2) L-Artikoli 3 u 5 [...] sa fejn huma applikabbli flimkien mal-punt 1(j) u t-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness fl-Artikolu 3(3) ta' din id-direttiva, u l-Artikolu 3(3), flimkien mal-punti (b) u/jew (ċ) tal-Anness A tad-Direttiva 2003/55/KE għandhom jiġu interpretati fis-sens li, klawżoli kuntrattwali dwar bidla fil-prezzijiet inklużi f'kuntratti ta' provvista ta' gass naturali konklużi ma' klijenti b'kuntratt speċjali jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' redazzjoni sempliċi u ċara u/jew ikollhom il-livell ta' trasparenza rekwiżit jekk, għalkemm ma jiġux indikati l-motivi, il-kundizzjonijiet u l-portata tal-bidla fil-prezz, dawn ikunu jiżguraw li l-impriża li tipprovdi l-gass tinnotifika minn qabel lill-klijenti tagħha bi kwalunkwe żieda fil-prezz u jekk il-klijenti jkollhom dritt ixolju [jirrexindu] l-kuntratt jekk ma jkunux iridu jaċċettaw il-kundizzjonijiet emendati li jkunu ġew innotifikati lilhom?

IV – Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

24. It-talba għal deċiżjoni preliminari tad-9 ta' Frar 2011 waslet fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fit-28 ta' Frar 2011.

25. Il-partijiet fil-kawża prinċipali, il-Gvern tar-Renju tal-Belġju u tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll il-Kummissjoni Ewropea ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu previst fl-Artikolu 23 tal-Protokoll dwar l-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

26. Fis-seduta tat-28 ta' Ġunju 2012, ir-rappreżentanti tal-partijiet fil-kawża prinċipali, tal-Gvern tar-Repubblika Federali tal-Ġermanja kif ukoll tal-Kummissjoni ppreżentaw l-osservazzjonijiet orali tagħhom.

V – L-argumenti prinċipali tal-partijiet

A – *L-ewwel domanda preliminari*

27. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni jsostnu, fir-rigward tal-ewwel domanda, li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13/KEE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-klawżoli ta' reviżjoni ta' prezz li jinsabu fil-kuntratti għal provvista ta' gass ikkunsinnat lill-konsumaturi f'kuntest ta' libertà kuntrattwali u barra l-obbligu ġenerali ta' provvista, isegwu d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 93/13 jekk huma jirriproduċu regoli legali li ma jirrigwardawx dawn il-konsumaturi iżda esklużivament klijenti oħra. Dwar dan huma invokaw it-tlettax-il premessa tad-Direttiva 93/13. Jekk klawżola kuntrattwali tiġi ddikjarata applikabbli għal tip ieħor ta' kuntratt barra dak previst mil-liġi, ma hemmx identiċità tas-sistema u ma jistax jingħad li l-leġiżlatur ried jikkunsidra awtomatikament li r-regola ma kinitx inġusta f'kuntest li jmur lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni legali tagħha. Fil-fehma tagħhom, ir-regola ma tintervjenix bis-saħħa tan-natura mandatarja tagħha iżda minħabba deċiżjoni indipendenti tal-partijiet kontraenti. Inkella, il-parti kontraenti tista' taħrab mill-istħarriġ tal-klawżoli inseriti u tevadi l-prinċipji tad-Direttiva 93/13 billi tirreferi b'mod ġenerali għar-regoli. Bħala deroga, l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat b'mod strett.

28. Il-Gvern Belġjan ukoll jadotta dan il-kunċett fil-prinċipju tiegħu filwaqt li jqis madankollu li huma biss id-dispożizzjonijiet mandatarji intiżi sabiex jippromwovu l-għanijiet imperattivi ta' interess ġenerali li jistgħu jiskartaw l-applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 bis-saħħa tal-Artikolu 1(2). Tabilħaqq, il-portata ta' dan l-artikolu għandha tiġi evalwata fid-dawl tal-għanijiet tas-suq intern billi l-intervent tal-leġiżlatur jiġi limitat għal rekwiżiti imperattivi ta' interess ġenerali biss.

29. Il-konvenuta u l-Gvern Ġermaniż iqisu għall-kuntrarju li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 japplika wkoll meta l-partijiet jirreferu għal dispożizzjonijiet mandatarji f'kuntratt għal provvista ta' gass. Għalhekk dan ma jkunx fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13. Il-Gvern Ġermaniż isostni f'dan ir-rigward li l-kunċett ta' "dispożizzjonijiet mandatarji" ma huwiex iddefinit fl-Artikolu 1(2) tad-direttiva, u li t-tlettax u l-erbatax-il premessa jikkonċernaw biss il-portata ta' dak il-kunċett. Dan il-kunċett għandu għalhekk jiġi interpretat skont id-dritt intern ta' kull Stat Membru u huwa fuq il-bażi ta' dan id-dritt intern li għandha tiġi evalwata n-natura imperattiva jew le ta' dispożizzjoni legali. Huwa biss dan il-qari tal-Artikolu 1(2) li jirrispondi għall-għan tiegħu li jrid jipprevjeni li tiġi eżaminata n-natura abbużiva ta' regoli mandatarji.

B – *It-tieni domanda preliminari*

30. Ir-rikorrenti u l-Kummissjoni jsostnu, fir-rigward tal-ewwel domanda, li n-nuqqas ta' ċarezza ta' klawżola ta' reviżjoni ta' prezz ma tistax tkun ikkumpensata bil-possibbiltà li din tiġi suġġetta għall-istħarriġ ta' qorti jew ta' rexissjoni tal-kuntratt, u lanqas billi jingħata preavviż f'ħin xieraq speċjalment f'dan il-każ fejn ma jistax jiġi kkunsidrat li ż-żieda fil-prezz kien imħabbar f'ħin xieraq u lanqas li l-klijent kellu l-possibbiltà ta' rexissjoni. Il-Kummissjoni żżid fuq dan il-punt li ċ-ċarezza meħtieġa ċertament ma tissuperax il-prinċipju li għandhom jiġu indikati l-motiv, il-kundizzjonijiet u l-ammont taż-żieda ta' prezz għaliex huma l-qrati nazzjonali li għandhom jevalwaw jekk klawżola ta' dan it-tip hijiex redatta f'termini ċari u li tinftiehem. Iċ-ċarezza mitluba ma għandhiex f'kull każ tiġi osservata jekk il-klawżola tirreferi għal regola li min-naħa tagħha ma hijiex ċara. Huma madankollu l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw jekk regola hijiex miktuba f'termini ċari.

31. Il-Gvern Belġjan isostni għall-kuntrarju li l-klawżola tissodisfa ċ-ċarezza meħtieġa għaliex hija tiggarantixxi preavviż u possibbiltà ta' rexissjoni. Madankollu, klawżola ta' reviżjoni ta' prezz tista' perfettament ikollha n-natura abbużiva msemmija fl-Anness 1(j) tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 imma huma l-qrati nazzjonali li għandhom jiddeċiedu fuq dan il-punt.

32. Il-Gvern Ġermaniż jindika li l-evalwazzjoni tan-natura abbużiva u taċ-ċarezza fid-dawl tad-Direttiva 93/13 hija kompitu biss tal-qrati nazzjonali u jikkunsidra wkoll li d-Direttiva 2003/55 ma hijiex applikabbli għaliex hija ma toħloq l-ebda dritt li jkun jista' jiġi invokat direttament mill-konsumatur imma għandha bħala għan il-ftuħ sħiħ tas-suq tal-enerġija. Il-konvenuta żżid fuq dan il-punt li d-Direttiva 2003/55 lanqas ma hija applikabbli għaliex il-kuntratti inkwistjoni kienu diġà ġew konklużi qabel ma hija ġiet adottata.

33. Sussidjarjament, fil-każ fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqbilx mal-analiżi tagħhom, il-konvenuta u l-Gvern tal-Ġermanja jistidnuha wkoll sabiex tillimita l-effetti tas-sentenza. Il-konvenuta titlob li l-effetti jiġu limitati għal għoxrin xahar wara li tingħata s-sentenza, il-Gvern tal-Ġermanja li l-effetti jiġu limitati biss għall-kuntratti konklużi wara li tingħata s-sentenza.

VI – Evalwazzjoni ġuridika

A – *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

34. L-għan tal-ewwel domanda huwa li jiġi interpretat l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 li jeżiġi li l-klawżoli li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regolamenti mandatarji kif ukoll prinċipji jew dispożizzjonijiet ta' konvenzjonijiet internazzjonali li għalihom l-Istati Membri jew il-Komunità jkunu partijiet ma jaqgħux taħt id-dispożizzjonijiet tad-direttiva. Il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf l-interpretazzjoni li għandha tingħata lill-kunċett ta' "dispożizzjonijiet mandatarji" li huwa użat. B'mod speċifiku tixtieq tkun taf jekk dan il-kunċett għandux jinftiehem fis-sens li huwa jkopri biss

id-dispożizzjonijiet li jirreferu għal tip ta' kuntratt irregolat mill-Istat Membru jew jekk huwiex suffiċjenti li kuntratt, li effettivament ma jaqax taħt l-effett mandatarju ta' dispożizzjoni legali nazzjonali, jirreferix ġeneralment fi klawżoli partikolari għal regoli legali nazzjonali. Din id-domanda tikkonċerna għalhekk il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tad-Direttiva 93/13.

1. Assenza ta' definizzjoni legali tal-kunċett ta' dispożizzjoni mandatarja u diverġenza tal-verżjonijiet lingwistiċi

35. Il-kunċett ta' "dispożizzjonijiet mandatarji" ["bindender Rechtsvorschrift" letteralment "regola obbligatorja"] tal-Artikolu 1(2) ma huwiex iddefinit iktar 'il quddiem fid-Direttiva, b'mod li din il-kwistjoni tibqa' miftuħa l-istess bħall-problema, li ma tissemmiex mill-partijiet, jekk dan jolqotx biss id-dispożizzjonijiet mandatarji [zwingende Rechtsvorschriften] jew ukoll id-dispożizzjonijiet supplementari [dispositive Rechtsvorschriften].

36. L-interpretazzjoni grammatikali tad-Direttiva 93/13 tikkorrobora qabel xejn il-qari fis-sens li d-deroga tal-Artikolu 1(2) tirrigwarda biss id-"dispożizzjonijiet obbligatorji". Fit-terminoloġija Ġermaniża, id-dispożizzjonijiet obbligatorji [bindende Rechtsvorschriften] huma d-dispożizzjonijiet li jorbtu lill-partijiet mingħajr ma huma jkunu jistgħu għalhekk jidderogaw minnhom bi ftehim. Din l-interpretazzjoni madankollu tħalli dubji peress illi l-kunċett ġuridiku eżatt fid-dritt huwa l-kunċett ta' "dispożizzjoni mandatarja" [zwingender Rechtsvorschrift]. Il-verżjonijiet fil-lingwa Ingliża, Franċiża u Spanjola tad-Direttiva li jużaw il-kunċetti ta' "mandatory", "impératif" u "imperativo" jikkorroboraw madankollu l-qari li jillimita l-eċċezzjoni għad-dispożizzjonijiet mandatarji [zwingendes Recht].

37. Fuq dan il-punt, it-tlettax-il premessa tad-direttiva toffri madankollu għajnuna utili f'din l-interpretazzjoni. Din tipprovdi li d-dispożizzjonijiet tal-Istati Membri li jistabbilixxu, direttament jew indirettament, il-klawżoli ta' kuntratti mal-konsumaturi huma preżunti li ma fihomx klawżoli inġusti u, b'mod partikolari, it-tieni parti tat-tieni sentenza tispeċifika li huma "wkoll" assimilati ma' dispożizzjonijiet mandatarji r-regoli li, skont il-liġi, għandhom japplikaw bejn il-partijiet kontraenti meta ma jintlaħaq ebda arranġament ieħor. Dan l-aħħar dettall, marbut mal-kunċett ta' obbligu neċessarju, jista' jinftiehem biss fis-sens li d-dispożizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 1(2) jistgħu jkunu wkoll dispożizzjonijiet supplimentari. Huwa veru li dan id-dettall huwa mogħti biss fil-premessa u ma jinsabx fit-test tad-direttiva nnifisha. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari għall-premessi ta' direttiva fl-interpretazzjoni li għandha tingħata, għaliex huma jirriflettu l-volontà tal-leġiżlatur u r-raġunijiet tiegħu u jitfgħu dawl partikolari kemm fuq il-motivi li wasslu sabiex tiġi adottata d-direttiva kif ukoll fuq l-għanijiet imfittxija biha [10]. Skont l-Artikolu 295 TFUE (Artikolu 253 KE), huma jifformaw parti integrali mit-test leġiżlattiv u huwa indispensabbli li jsir riferiment għall-premessi f'interpretazzjoni konformi tat-test ta' direttiva [11]. Għaldaqstant jekk premessa tippreċiża l-aċċettazzjoni li għandu jirċievi kunċett użat fid-direttiva, dan huwa indizju li juri li dik l-interpretazzjoni għandha tiġi applikata wkoll fit-test innifsu tad-direttiva.

38. Iżda l-oriġini u l-interpretazzjoni teleoloġika tad-direttiva wkoll jikkorroboraw dik l-idea li l-kunċett ta' "dispożizzjoni mandatarja" għandu jinkludi kemm id-dispożizzjonijiet strettament mandatarji kif ukoll id-dispożizzjonijiet supplimentari, kif ser nuri hawn taħt.

39. Tali interpretazzjoni storika u teleoloġika tapplika b'mod partikolari għaliex il-verb "beruhen" li jinsab fl-Artikolu 1(2) ivarja fil-verżjonijiet lingwistiċi differenti. Il-verżjoni fil-lingwa Franċiża titkellem dwar "klawżoli kuntrattwali li jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regoli mandatarji", il-verżjoni fil-lingwa Ingliża titkellem dwar "contractual terms which reflect mandatory, statutory or regulatory

10 — Gwida prattika komuni tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni għal dawk il-persuni li jikkontribwixxu għall-abbozzar tal-leġiżlazzjoni fi ħdan l-istituzzjonijiet Komunitarji, punt 10.

11 — J. Köndgen, fi: K. Riesenhuber (editur), *Europäische Methodenlehre*, it-Tieni Edizzjoni, Artikolu 7, punti 39, 42.

provisions". Dawn il-verbi "reflètent" u "reflect", li huma iktar wesgħin mill-verb "beruhen" użat fil-verżjoni fil-lingwa Ġermaniża, jistgħu jikkorroboraw l-idea li r-riferiment għal regoli obbligatorji jwassal sabiex kuntratt joħroġ barra mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva anki jekk dik ir-regola tirreferi għal tip ieħor ta' kuntratt jew għal destinatarji oħrajn.

40. Madankollu, in-neċessità li tingħata applikazzjoni uniformi għad-dritt tal-Unjoni, kif tirrikjedi ġurisprudenza stabbilita, tipprekludi li dispożizzjoni tiġi kkunsidrata b'mod iżolat f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tagħha. F'każ ta' diverġenza fid-diversi verżjonijiet lingwistiċi ta' att tal-Unjoni, b'mod partikolari, jew jekk jeżistu dubji, id-dispożizzjoni inkwistjoni għandha tiġi interpretata fid-dawl tal-istruttura ġenerali u tal-għan tal-leġiżlazzjoni li minnha hija tifforma parti [12].

2. Oriġini u għan tad-dispożizzjoni

41. L-interpretazzjoni bbażata fuq l-oriġini u l-għan tad-direttiva turi wkoll li "dispożizzjoni mandatarja" [bindender Rechtsvorschrift] fis-sens tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 tista' wkoll ikollha natura mandatarja [zwingend], imma ma jistax jiġi kkunsidrat li l-klawżola ta' esklużjoni tal-Artikolu 1(2) tad-direttiva tiskarta l-applikazzjoni biss meta dik ir-regola hija speċjalment ikkonċepita mil-leġiżlatur għall-kuntratt iffirmat bejn in-negozjant u l-konsumatur.

a) Oriġini

42. Jekk tiġi kkunsidrata l-oriġini tad-Direttiva 93/13 [13], jirriżulta li l-proposta inizjali tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Settembru 1990 [14], ma kienx fiha regola li essenzjalment tikkorrispondi mal-Artikolu 1(2) tad-direttiva. Dik l-idea kienet x'aktarx introdotta għall-ewwel darba fid-dibattitu meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kkritika l-proposta tal-Kummissjoni għaliex hija ma kinitx tispeċifika espliċitament ir-relazzjoni tagħha mal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali eżistenti jew futuri applikabbli għall-klawżoli inġusti fil-kuntratti. Il-Kumitat ippropona li jiġi stabbilit b'mod ċar li l-Istati Membri kienu ser ikunu awtorizzati f'kull każ li jżommu jew jadottaw dispożizzjonijiet meta l-protezzjoni żgurata hija iktar effettiva minn dik li titnissel mid-direttiva. Imbagħad il-kritika kienet tirrigwarda l-assenza ta' riferiment għal dispożizzjonijiet oħra ta' dritt Komunitarju jew għal testi oħra ta' dritt internazzjonali [15]. Konformement ma' dan is-suġġeriment, il-Parlament Ewropew ippropona, fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 1991, li jintroduċi dispożizzjoni li tipprovdi li d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva japplikaw biss għall-klawżoli u kundizzjonijiet ġenerali li fuqhom ikunu ġew konklużi ftehim li jidderogaw mid-dispożizzjonijiet legali jew jikkompletawhom [16]. Fuq il-bażi ta' dawn is-suġġerimenti, il-Kummissjoni ppreżentat fil-5 ta' Marzu 1992 proposta emendata għal direttiva dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi ma' konsumaturi, li madankollu fil-bidu

12 — Ara l-konklużjonijiet li ppreżentajt fis-17 ta' Jannar 2012 fil-kawża DR u TV2 Danemark (C-510/10, punti 41 u 49).

13 — Għal espożizzjoni tal-oriġini tad-Direttiva 93/13, ara P. Nebbia, *Unfair Contract Terms in European Law – A Study in Comparative and EC Law*, Oxford 2007, p. 7.
L-evoluzzjoni tad-dritt Ewropew tal-kuntratti kompliet fil-frattemp mingħajr ostakolu. Tista' tissemma, f'dan ir-rigward, il-proposta ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fuq Liġi Komuni Ewropea dwar il-Bejgħ li l-Kummissjoni ppreżentat fil-11 ta' Ottubru 2011 (COM [2011] 635 finali). Din il-proposta tipprovdi l-implementazzjoni ta' liġi Ewropea dwar il-bejgħ fakultattiv li għandha tirregola l-kuntratti ta' bejgħ transnazzjonali meta l-partijiet ikunu hekk iddeċidew espressament. Il-Kapitolu 8 (Artikoli 79 sa 86 "Kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti") tad-dokument fih dispożizzjonijiet dwar il-klawżoli inġusti li jinsabu kemm fil-kuntratti bejn impriża u konsumatur (B2C) li għandhom jikkorrispondu f'sens wiesa' għal dawk tad-Direttiva 93/13, u kemm fil-kuntratti bejn impriżi (B2B). Ara, fuq il-metodi alternattivi ta' implementazzjoni tad-dritt Ewropew tal-kuntratti inkluż il-metodu tal-istrument fakultattiv magħruf minn qabel mill-Kummissjoni, C. Von Bar, "Eine neue Vertragsrechtsordnung für Europa", *Deutschland und Polen in der europÄischen Rechtsgemeinschaft* (Edituri Christina von Bar/Arkadiusz Wudarski), München 2012, p. 3.

14 — COM (1990) 322 finali.

15 — Opinjoni fuq il-proposta ta' direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi ma' konsumaturi, tal-24 ta' April 1991 (ĠU 159, p. 34, punti 2.6 u 2.7).

16 — Riżoluzzjoni leġiżlattiva (Proċedura ta' kooperazzjoni: l-ewwel qari) dwar l-opinjoni tal-Parlament Ewropew fuq il-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar direttiva li tikkonċerna l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi ma' konsumaturi , tal-20 ta' Novembru 1991 (ĠU C 326, p. 108, emenda nru 9, p. 111).

kienet siekta dwar id-dispożizzjonijiet mandatarji [bindende Vorschriften] tal-Istati Membri [17]. Id-dispożizzjoni inkwistjoni hawnhekk ġiet adottata biss iktar tard fil-pożizzjoni komuni li l-Kunsill stabbilixxa f'Settembru 1992 billi ħa kont tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kif ukoll tal-Parlament Ewropew u li wasslet għad-Direttiva 93/13 li l-aħħar verżjoni tagħha daħlet fis-seħħ mingħajr ma madankollu awtorizzat l-iżviluppi fit-tul tal-kunċett ta' dispożizzjonijiet mandatarji [bindende Vorschriften] [18].

43. Din l-oriġini diġà turi b'mod ċar li ma għandhiex issir distinzjoni fil-kunċett ta' dispożizzjonijiet mandatarji bejn ir-regoli li huma obbligatorji fuq il-partijiet u dawk li huma jistgħu jaqblu li jiskartaw, li l-ħsibijiet tagħhom iduru mal-idea ċentrali tar-relazzjoni bejn il-klawżoli li jinsabu fil-kundizzjonijiet ġenerali u d-dritt nazzjonali jew sopranazzjonali fis-seħħ u li l-kundizzjonijiet ġenerali kellhom ikunu jistgħu jiġu suġġettti għall-istħarriġ tal-qorti biss fejn huma esklużi mil-liġi fis-seħħ [19].

b) Kunsiderazzjonijiet teleoloġiċi

44. L-istess japplika jekk jiġi kkunsidrat l-għan tad-Direttiva 93/13.

i) Kunsiderazzjonijiet ġenerali fuq id-Direttiva 93/13

45. L-għan essenzjali li d-Direttiva 93/13 kienet intiża sabiex twettaq kien jikkonsisti fl-armonizzazzjoni minima tal-protezzjoni tal-konsumatur bl-iskop li progressivament timplementa suq intern vijabbli fil-Komunità [20]. Fl-ewwel proposta tagħha għad-direttiva tat-3 ta' Settembru 1990, il-Kummissjoni kienet diġà indikat li huwa iktar diffiċli għall-konsumatur li jakkwista prodotti u servizzi lil hinn mill-fruntieri jekk hemm numru ta' Stati Membri b'sistemi legali distinti. Mingħajr iċ-ċertezza li ma jistax jiġi ppreġudikat bil-klawżoli inġusti minħabba li ma jifhimx il-lingwa tal-pajjiż, il-konsumatur ma huwiex ser ikollu l-kunfidenza mixtieqa sabiex jirrikorri għar-riżorsi tas-suq intern [21]. Fid-dawl tal-armonizzazzjoni minima mixtieqa mis-sistema tal-klawżoli inġusti, wieħed ma jistax madankollu jiġi influwenzat mil-liġi tal-kuntratti eżistenti fl-Istati Membri f'dak iż-żmien [22]. L-aħħar direttiva li daħlet fis-seħħ għalhekk adottat il-prinċipji li kienu diġà kkunsidrati f'dak iż-żmien bħala indispensabbli għall-implementazzjoni ta' suq intern komuni u l-ewwel għaxar premessi tad-direttiva jirriflettu dik ir-rieda mingħajr ekwivoku.

ii) Kunsiderazzjonijiet speċifiċi fuq l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13

46. Is-sistema derogatorja tal-Artikolu 1(2) tad-direttiva għandha tiġi kkunsidrata wkoll fil-kuntest tal-għan tad-direttiva.

17 — Proposta emendata ta' direttiva tal-Kunsill dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, COM (1992) 66 finali, ippreżentata mill-Kummissjoni fil-5 ta' Marzu 1992 taħt l-Artikolu 149(3) KEE (ĠU C 73, p. 7).

18 — Pożizzjoni komuni tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 1992, dwar l-adozzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill dwar klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi (Dok. 8406/1/92), ippubblikata fil-ĠU C 283, p. 1, punt 2, test integrali disponibbli fuq ZIP, 1992, p. 1591 *et seq.*

19 — F'dan is-sens ukoll, T. Pfeiffer fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, tome IV, Kommentierung zu A 5, Art. 1, punt 25; H-W. Eckert, *Die EG-Richtlinie über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen und ihre Auswirkungen auf das deutsche Recht*, WM 1993, 1070, 1072; E. Kapnopoulou, *Das Recht der missbräuchlichen Klauseln in der Europäischen Union*, Tübingen 1997, p. 97; O. Remien, *AGB-Gesetz und Richtlinie über missbräuchliche Verbrauchervertragsklauseln in ihrem europäischen Umfeld*, ZeuP 1994, 34, 45; M. Tenreiro, *The Community Directive on Unfair Terms and National Legal Systems*, ERPL 1995, p. 273.

20 — Ara M. Wolf, fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, tome IV, Kommentierung zu A 1, Punt 1, 2. Ara, fuq il-vantaġġi u l-iżvantaġġi tal-metodu ta' armonizzazzjoni minima, P. Nebbia, *Unfair Contract Terms in European Law – A Study in Comparative and EC Law*, Oxford 2007; C. Wendehorst, "Auf dem Weg zu einem zeitgemäßen Verbraucherprivatrecht: Umsetzungskonzepte", f'B. Jud/C. Wendehorst, (edituri), *Neurodnung des Verbraucherprivatrechts in Europa*?, p. 165, jirreleva li fil-passat ħafna mid-direttivi li jikkonċernaw il-liġi tal-konsumatur kienu jipparteċipaw fil-prinċipju tal-armonizzazzjoni minima għaliex riedu li l-protezzjoni tal-konsumatur issegwi metodu li permezz tiegħu tevolvi biss f'sens favorevoli għas-suq intern.

21 — COM (1990) 322 finali, introduzzjoni, p. 2, pp. 68 u 69.

22 — Ara fuq dan il-punt l-opinjoni dwar il-proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, tal-24 ta' April 1991 (ĠU C 159, p. 34, punt 2.1.2.); ara b'mod partikolari wkoll T. Pfeiffer, fi Grabitz/Hilf, iċċitat iktar 'il fuq, A5, Artikolu 1, punt 6.

47. Din id-dispożizzjoni ta' deroga hija maħsuba sabiex tapplika għall-kuntratti standard li t-termini tagħhom diġà jsegwu r-regoli nazzjonali li l-leġiżlatur nazzjonali kien stabbilixxa sabiex jibbilanċja l-interessi leġittimi tal-partijiet kontraenti kollha [23]. Għandna għalhekk nassumu li l-klawżoli li jkunu kisbu l-kunsens tal-leġiżlatur nazzjonali fi Stat Membru huma bbilanċjati biżżejjed u ma jirriżultawx mill-abbuż ta' dominanza ekonomika tan-negozjant [24]. L-aħħar verżjoni adottata tad-Direttiva 93/13 ma biddlitx dawn il-kunsiderazzjonijiet fundamentali: fis-sens tad-direttiva, l-espressjoni "mandatarji" ma tirriflettix id-distinzjoni magħmula abitwalment fid-dritt ċivili bejn id-dispożizzjonijiet "mandatarji" u d-dispożizzjonijiet "supplementari" imma iktar tindika li l-espressjoni "dispożizzjonijiet mandatarji statutorji jew regolatorji" tkopri r-regoli li, skont il-liġi, japplikaw bejn il-partijiet kontraenti meta l-ebda ftehim ieħor ma jkun intlaħaq. [25]

48. Imma jekk il-kuntratt inkwistjoni jew it-tranżazzjoni li huwa jirregola ma huma rregolati b'ebda leġiżlazzjoni, jidher li l-leġiżlatur nazzjonali ma setax iqiegħed f'ekwilibriju l-interessi favur l-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni nazzjonali. Ma rridux ninsew f'dan ir-rigward li n-natura abbużiva ta' klawżola kuntrattwali speċifika fis-sens tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 għandha tiġi evalwata billi jittieħed kont tan-natura tal-oġġetti jew servizzi li huma s-suġġett tal-kuntratt u billi jsir riferiment għaċ-ċirkustanzi kollha li jduru mal-konklużjoni tiegħu kif ukoll għall-klawżoli kollha tal-kuntratt innifsu jew ta' kuntratt ieħor li fuqu tiddependi l-klawżola [26]. Kif esponejt diġà fil-konklużjonijiet ippreżentati fil-kawża Pereničová u Perenič [27], jeħtieġ li jittieħed kont tar-regoli kollha sabiex jiġi ddeterminat jekk il-konsumatur sofriex żvantaġġ mhux raġonevoli, u ma huwiex suffiċjenti li jsir biss eżami iżolat tal-klawżola sabiex tiġi stabbilita n-natura abbużiva tagħha. Għall-kuntrarju, l-applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 tista' titnissel biss minn riferiment li klawżola tagħmel b'mod iżolat għal dispożizzjoni mandatarja maħsuba għal tip nettament differenti ta' kuntratt għaliex ma jistax jiġi kkunsidrat speċifikament f'dan il-każ li l-evalwazzjoni li l-leġiżlatur wettaq b'mod ġenerali għal tip ta' kuntratt tiswa wkoll għal kuntratti oħra mhux imsemmija f'dik id-dispożizzjoni [28].

49. Ma rridux ninsew f'dan ir-rigward li l-kundizzjonijiet ġenerali u l-klawżoli kuntrattwali huma intiżi l-ewwel nett li jissostitwixxu s-soluzzjonijiet legali maħsuba mil-leġiżlatur, billi jissostitwixxu fl-istess waqt is-soluzzjonijiet li l-leġiżlatur adotta sabiex jilħaq bilanċ, b'soluzzjonijiet li jistgħu unilateralment jiżguraw l-aħjar interessi ta' waħda mill-partijiet [29]. Skont ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, is-sistema ta' protezzjoni implementata mid-Direttiva tistrieħ fuq l-idea li l-konsumatur jinsab f'pożizzjoni ta' inferjorità fil-konfront tan-negozjant, f'dak li jikkonċerna kemm il-poter ta' negozjati kif ukoll fil-livell ta' informazzjoni, pożizzjoni li twasslu sabiex jaderixxi għall-kundizzjonijiet redatti minn qabel min-negozjant, mingħajr ma jkun jista' jeżerċita influwenza fuq il-kontenut tagħhom [30]. Għalhekk huwa ġġustifikat li ma jiġux eżaminati klawżoli kuntrattwali biss meta Stat Membru jkun adotta regoli għal tip ta' kuntratt għaliex huwa f'dan il-każ biss li jista' jiġi kkunsidrat li l-evalwazzjoni globali neċessarja tkun diġà twettqet fl-Istat Membru fix-xogħol parlamentari mingħajr ma jkun rilevanti jekk dawk id-dispożizzjonijiet ikunux ta' natura mandatarja jew supplimentari [31].

23 — F'dan is-sens diġà l-Kummissjoni Ewropea fl-ewwel komunikazzjoni tagħha tal-14 ta' Frar 1984, COM (84) 55 finali, kif ukoll fir-Rapport tal-Kummissjoni fuq l-applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi (COM (2000) 248 finali, punt III.1.b) li jirreferi għaliha.

24 — T. Pfeiffer, fi Grabitz/Hilf, iċċitat iktar 'il fuq, A5 Artikolu 1, punt 30, jitkellem fuq dan il-punt dwar "preżunjoni ta' adegwatezza".

25 — COM (2000) 248 finali, iċċitata iktar 'il fuq, punt III.1.b), li jsemmi espressament it-tlettax-il-premessa.

26 — F'dan is-sens, espressament, is-sentenza tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-3403, punt 21).

27 — Punt 69, sentenza tal-15 ta' Marzu 2012, Pereničová u Perenič (C-453/10).

28 — F'dan l-istess sens, E. Kapnopoulo, iċċitat iktar 'il fuq, p. 97.

29 — F'dan l-istess sens, COM (2000) 248 finali, p. 9 ; f'dan is-sens ukoll P. Remy-Corlay, "L'influence du droit communautaire sur l'office du juge" *f'Revue trimestrielle de droit civil*, 2009, p. 684; X. Lagarde, "Qu'est-ce qu'une clause abusive?", *La semaine juridique édition générale*, Nr. 6, 2006, p. 110 *et seq*.

30 — Sentenzi tas-27 ta' Ġunju 2000, Océano Grupo Editorial und Salvat Editores, C-240/98 sa C-244/98, Ġabra p. I-4941, punt 25; tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro, C-168/05, Ġabra p. I-10421, punt 25, u tas-6 ta' Ottubru 2009, Asturcom Telecomunicaciones, C-40/08, Ġabra p. I-9579, punt 29.

31 — L-argumenti ta' X. Lagarde, iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, p. 110 *et seq*, punt B, jidhru li huma f'dan l-istess sens fejn huwa jesponi li klawżola tevita l-istħarriġ tal-klawżoli inġusti meta t-termini tagħha huma awtorizzati mil-leġiżlatur.

50. Isegwi li l-ħsieb tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 huwa li jiġu sottomessi għall-istħarriġ biss il-klawżoli ta' kundizzjonijiet ġenerali li ma jirriflettux il-leġiżlazzjoni fis-seħħ. Imma jekk negozjant jirrikorri fil-kundizzjonijiet ġenerali tiegħu għal klawżoli li jwasslu għal effetti legali mhux mixtieqa *de lege lata* għall-kuntratt li jkun qed jiġi konkluż, dawn il-klawżoli ma japplikawx il-leġiżlazzjoni fis-seħħ. It-tieni parti tat-tieni sentenza tat-tlettax-il premessa tad-Direttiva 93/13 għandha wkoll tinqara f'dan is-sens meta hija tindika li huma biss il-klawżoli li jillimitaw ruħhom sabiex jirriflettu l-leġiżlazzjoni fis-seħħ li ma humiex suġġetti għall-istħarriġ tad-direttiva. Fi kliem ieħor: jekk klawżoli jibbażaw ruħhom fuq il-leġiżlazzjoni fis-seħħ mingħajr ma jkunu aġġustati mill-parti kontraenti, għandu jiġi kkunsidrat li l-klawżola inkwistjoni ma tippreżentax problema.

51. Kull evalwazzjoni ġuridika oħra twassal sabiex tippermetti lill-parti kontraenti li tirreferi għal kwalunkwe dispożizzjoni mandatarja anki ta' Stat Membru ieħor jew li tirriproduċi t-termini sabiex tevita l-istħarriġ tal-klawżola mill-qorti [32]. Huwa ċar li l-leġiżlatur tal-Unjoni dan ma xtaqux. Din l-analiżi hija wkoll il-pożizzjoni li l-Qorti tal-Ġustizzja adottat fis-sentenza Cofidis billi ddikjarat li "sa fejn huma ma humiex limitati sabiex jirriflettu dispożizzjonijiet leġiżlattivi jew regoli mandatarji […] ma jidhirx b'mod ċar li l-klawżoli inkwistjoni imorru lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tad-direttiva, kif iddefinit bl-Artikoli 1(2) … tagħha." [traduzzjoni mhux uffiċjali] [33].

52. Isegwi li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13, li l-Kummissjoni tinvoka korrettement [34], jitlob interpretazzjoni restrittiva.

53. L-għan invokat iktar 'il fuq tad-direttiva jargumenta b'mod partikolari wkoll favur dik l-analiżi fejn dan jikkonsisti filli jippermetti l-implementazzjoni progressiva ta' suq intern billi jevita li l-konsumatur ikollu biża', jekk huwa jfittex prodotti jew servizzi lil hinn mill-fruntieri, li jkun ippreġudikat bi klawżoli inġusti inseriti fil-kundizzjonijiet ġenerali [35]. Dan ikun preċiżament il-każ kieku l-parti kontraenti setgħet tinserixxi fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħha dispożizzjonijiet li ċertament ikunu jikkorrispondu *in abstracto* għad-dispożizzjonijiet legali ta' wieħed jew ta' diversi Stati Membri imma li madankollu assolutament ma jkunux ġew maħsuba għall-kuntratt li jkun qed jiġi konkluż.

54. Il-fatt li f'dan il-każ huma involuti kundizzjonijiet ġenerali ta' fornitur li jsegwu għan ta' interess ġenerali lanqas ma jitlob analiżi oħra. L-awturi tad-direttiva kienu pjuttost ikkunsidraw dan il-każ perfettament kif juri l-Artikolu 2(ċ) tad-Direttiva 93/13 li jiddikjara espressament id-direttiva applikabbli għan-negozjanti li jaqgħu taħt is-settur pubbliku [36]. Jagħmlu eċċezzjoni biss il-kundizzjonijiet kuntrattwali tal-awtoritajiet pubbliċi li huma rregolati permezz ta' regolamenti jew statuti [37] bħalma huwa sikwit il-każ ta' impriżi ta' provvista fil-Ġermanja, u li jaqgħu minħabba f'hekk fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13.

55. Fl-aħħar nett, il-fatt li inizjalment il-partijiet kontraenti jsibu ruħhom f'sitwazzjoni identika għal dik deskritta f'dispożizzjoni legali lanqas ma jiġġustifika analiżi oħra kif tirrikonoxxi l-qorti tar-rinviju fil-każ, l-istess bħall-konvenuta u l-Gvern Ġermaniż [38].

32 — Ara fuq din il-possibbiltà wkoll Kapnopulo, iċċitat iktar 'il fuq, p. 97; T. Pfeiffer, fi Grabitz/Hilf, iċċitat iktar 'il fuq, A 5, Artikolu 1, punt 26; G. de Nova, *Italian Contract Law and the European Directive on Unfair Terms in Consumer Contracts*, ERPL, 1995, 221, 223.

33 — Sentenza tal-21 ta' Novembru 2002, Cofidis (C-473/00, Ġabra p. I-10875, punt 22).

34 — Osservazzjonijiet tal-Kummissjoni, tal-4 ta' Awwissu 2011, punt 45; M. Wolf, fi Grabitz/Hilf, iċċitat iktar 'il fuq, A.1, punt 2.

35 — Ara l-punt 45, kif ukoll S. Vigneron-Maggio-Avrile, *L'information des consommateurs en droit européen et en droit suisse de la consommation*, Zürich 2006, p. 11, 15.

36 — F'dan l-istess sens ukoll, ir-rapport tal-Kummissjoni Ewropea COM (2000) 0248 finali, Punt III, 1(b), li jirreferi għad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni fil-minuti waqt l-adozzjoni tal-pożizzjoni komuni tal-Kunsill.

37 — F'dan l-istess sens, I. Tilman, *Die Klauselrichtlinie 93/13/EWG auf der Schnittstelle zwischen Privatrecht und öffentlichem Recht*, München, 2003, p. 14.

38 — Ara l-punt 21 tad-deċiżjoni tar-rinviju kif ukoll il-punti 23 *et seq* tal-osservazzjonijiet bil-miktub tal-konvenuta tal-4 ta' Awwissu 2011.

56. Ma rridux ninsew f'dan ir-rigward li l-leġiżlatur Ġermaniż seta' faċilment jestendi l-AVBGasV, permezz tal-kamp ta' applikazzjoni tiegħu stabbilit bl-Artikolu 1, lill-klijenti li jkollhom status ġuridiku li jikkorrispondi ma' dak tal-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard. Madankollu dan ma għamlux imma jiddikjara, fl-unika dispożizzjoni legali interna tal-Artikolu 310 BGB, il-klawżoli ta' projbizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 308 u 309 BGB applikabbli mingħajr setgħa diskrezzjonali. Jekk il-leġiżlatur irrinunzja intenzjonalment milli jestendi dispożizzjoni legali għal kategorija oħra ta' persuni, il-kundizzjoni ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 li jsemmi "dispożizzjonijiet mandatarji" ma hijiex issodisfatta.

57. Għalhekk naraw li l-interpretazzjoni teleoloġika tad-direttiva, skont l-ispirtu u l-għan tagħha, twassalna sabiex nikkonkludu li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jneħħi mill-kamp ta' applikazzjoni tiegħu biss ir-regoli bbażati fuq dispożizzjonijiet legali mandatarji fis-sens strett jew supplimentari intiżi sabiex jirregolaw il-kuntratt li jkun qiegħed jiġi konkluż.

58. Konsegwentement, nipproponi li r-risposta għall-ewwel domanda tkun li l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 93/13 għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "dispożizzjonijiet mandatarji" fis-sens ta' dan l-artikolu biss id-dispożizzjonijiet li huma intiżi legalment għall-kategorija ta' persuni bħala partijiet kontraenti u għat-tip ta' kuntratt li huma għandhom f'moħħhom u huwa irrilevanti li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu imposti bħala tali fuq il-partijiet jew jistgħu jiġu emendati minnhom.

B – *Fuq it-tieni domanda*

59. Fit-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi liema huma r-rekwiżiti imposti mill-prinċipju ta' ċarezza fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55. Il-qorti tar-rinviju essenzjalment tixtieq tkun taf jekk il-klawżoli ta' reviżjoni ta' prezz li jinsabu fil-kuntratti ta' provvista ta' gass, li ma jispeċifikawx il-kundizzjonijiet li taħthom tista' tiġi eżerċitata l-possibbiltà ta' reviżjoni tal-prezz, jistgħux madankollu jiġu kkunsidrati bħala biżżejjed ċari u li jinftiehmu jekk huma jiggarantixxu li l-fornitur jinnotifika ż-żieda fil-prezz fi żmien xieraq u jagħtu lill-klijent id-dritt li jissuġġetta ż-żieda għall-istħarriġ tal-qorti kif ukoll li jirrexindi l-kuntratt. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra li ksur tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit bl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 ma jistax ikollu konsegwenzi fil-kuntratti għal żmien indeterminat fid-dawl tal-punt 1(j) u tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13. Fir-rigward tal-kuntratti għal provvista ta' gass b'mod partikolari, il-qorti tar-rinviju tqis li tista' tiġbed dik il-konsegwenza ġuridika mill-Anness A(b) jew (ċ).

60. It-tieni domanda tqajjem problemi ta' diversi tipi:

1. L-ewwel nett, jeħtieġ li tiġi eżaminata r-rabta li għandha tiġi stabbilita bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 3 tagħha. Dan huwa interessanti fuq kollox għaliex l-Artikolu 5 ma jinkludix anness analogu għal dak tal-Artikolu 3 b'mod li nistgħu nistaqsu jekk il-punt 1(j) u t-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 għandhomx japplikaw ukoll fil-kuntest tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.

2. Jeħtieġ ukoll ikun magħruf jekk il-prinċipju ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 għandux l-istess portata bħal dak tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u, jekk ikun il-każ, liema huma l-konsegwenzi li għandhom jinġibdu.

3. Huwa għalhekk neċessarju li tiġi speċifikata s-setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja fid-dawl ta' ksur possibbli tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit fiż-żewġ direttivi u b'mod partikolari jekk dik l-evalwazzjoni hijiex riżervata għall-qrati nazzjonali u, jekk ikun il-każ, sa fejn tista' l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti indikazzjonijiet.

4. Fil-limiti, li għandhom jiġu stabbiliti, tas-setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja, għandha mbagħad tingħata deċiżjoni *in concreto* fuq il-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni, u b'mod partikolari fuq il-kwistjoni jekk ksur eventwali tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit bid-Direttiva 93/13 ma għandux jiġi preżunt meta l-klijent jixtieq jagħti bħala korrispettiv id-drittijiet ta' rexissjoni jew ta' irtirar kif iddefiniti fid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 93/13 u tal-punt 1(j) u t-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness.

5. Fl-aħħar nett, jeħtieġ li nistaqsu jekk il-partikolaritajiet tal-kuntratti għal provvista ta' gass idaħħlux prinċipji legali oħra fil-prinċipju ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 moqri flimkien mal-Anness b u ċ.

61. Ser nesprimi ruħi fuq dawn id-domandi fl-istess ordni.

1. Rabta bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u l-klawżola ta' abbuż tal-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13

62. Sejjer neżamina hawnhekk qabel xejn ir-rabta bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 mal-klawżola ta' abbuż tal-Artikolu 3 ta' din id-direttiva. Fuq dan il-punt, l-oriġini tad-Direttiva 93/13 turi li l-prinċipju ta' ċarezza huwa kriterju tal-abbuż imsemmi fl-Artikolu 3 li jsegwi regoli distinti. Din il-perspettiva kienet ġiet avvanzata l-ewwel darba meta l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali kien ġie kkonsultat fuq il-proposta tal-Kummissjoni, tat-3 ta' Settembru 1990, u ssuġġerixxa li jissemma espressament in-nuqqas ta' ċarezza tal-klawżola kuntrattwali bħala kriterju supplimentari ta' abbuż[39]. Il-Parlament Ewropew kien segwieha fil-pożizzjoni tiegħu tal-20 ta' Novembru 1991[40] u, fl-aħħar nett, il-Kunsill ukoll indika fil-pożizzjoni komuni tiegħu li l-klawżola ġenerali[41] determinanti fl-evalwazzjoni tan-"natura inġusta" tinsab fl-Artikolu 3(1), u hija kompletata bi prinċipju ta' ċarezza stabbilit b'mod partikolari fl-ewwel sentenza tal-Artikolu 5[42]. Għalhekk naraw li l-prinċipju ta' ċarezza li jinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 huwa prinċipju li kien ikkunsidrat tant importanti li ġie diskuss separatament mill-klawżola ġenerali li ssemmi n-natura abbużiva.

63. Il-klawżola ta' ċarezza li tinsab fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 hija għalhekk kriterju stabbilit separatament min-natura abbużiva msemmija fl-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13[43] b'mod li d-dispożizzjonijiet tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jirrigwardaw ukoll il-prinċipju ta' ċarezza.

39 — Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tal-24 ta' April 1991, dwar il-proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi (ĠU C 159, p. 34, punt 2.5.3).

40 — Riżoluzzjoni leġiżlattiva (Proċedura ta' kooperazzjoni: l-ewwel qari) dwar opinjoni tal-Parlament Ewropew fuq il-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill dwar il-Proposta ta' direttiva tal-Kunsill li tikkonċerna l-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, tal-20 ta' Novembru 1991 (ĠU C 326, p. 108, emendi 35 u 45).

41 — Fuq it-tifsira tal-klawżola ġenerali fid-dritt Ewropew tal-kuntratti ara S. Grundmann, "General Standards and Principles, Clauses Générales, and Generalklauseln in European Contract Law – A Survey", *General Clauses and Standards in European Contract Law – Comparative Law, EC Law and Contract Law Codification* (edituri Stefan Grundmann/Denis Mazeaud), Den Haag, 2006, p. 1.

42 — Pożizzjoni komuni tal-Kunsill, tat-22 ta' Settembru 1992, li tikkonċerna l-proposta dwar il-Proposta ta' direttiva tal-Kunsill dwar il-klawżoli inġusti fil-kuntratti konklużi mal-konsumaturi, (Dok. 8406/1/92), parir ippubblikat fil-ĠU 1992, C 283, p. 1, punt 2, test integrali disponibbli fuq ZIP, 1992, 1591 *et seq*, punt 5.

43 — Għandu jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, kif M. Schilling jindika ferm korrettement fl-Artiklu tiegħu "Inequality of bargaining power versus market for lemons: legal paradigm change and the Court of Justice's jurisprudence on Directive 93/13 on unfair contract terms", *European Law Review*, 2008, p. 336 *et seq*., il-prinċipju ta' ċarezza jimponi fuq in-negozjanti li jistabbilixxu kundizzjonijiet kuntrattwali ġusti. Fuq dan il-punt, l-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13 ifittxu fl-aħħar mill-aħħar l-istess għan.

2. Rabta bejn il-klawżola ta' ċarezza tal-Artikoli 3 u 5 tad-Direttiva 93/13 u l-prinċipju ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55

64. Sal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja għad ma kellhiex l-opportunità li tagħti deċiżjoni dwar il-prinċipju ta' ċarezza li d-Direttiva dwar il-Gass 2003/55 stabbilixxiet għall-klawżoli kuntrattwali kollha. Madankollu sejjer nuri hawn isfel, fid-dawl tal-oriġini u tal-għan tad-Direttiva 2003/55, li l-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-dispożizzjoni jikkorrispondi mal-prinċipju ta' ċarezza msemmi fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.

65. L-għan prinċipali tad-Direttiva 2003/55 kien li toħloq suq intern tal-gass u dan kien f'dak iż-żmien jippresupponi l-implementazzjoni ta' liberalizzazzjoni kompleta. Mill-bidu ta' dawn ix-xogħlijiet, il-leġiżlatur tal-Unjoni kien konxju li l-ftuħ kellu jsir gradwalment għaliex, fil-bidu, is-swieq kienu rregolati ħafna, kienu b'mod eminenti nazzjonali u sikwit monopolistiċi. L-isfida kienet tikkonsisti fit-trasformazzjoni tagħhom f'suq wieħed Ewropew kompletament liberu, fejn il-klijenti setgħu jixtru l-gass mill-fornitur tal-għażla tagħhom. Id-Direttiva 98/30[44] kienet tikkostitwixxi l-ewwel pass prekursur f'dik id-direzzjoni u kienet segwita mid-Direttiva 2003/55, inkwistjoni hawnhekk, li pprovdiet, fl-Artikolu 23 tagħha, kalendarju f'diversi stadji sal-eliminazzjoni tal-ostakoli għall-kompetizzjoni fis-suq tal-gass naturali[45]. Għal dak l-għan, ġie kkunsidrat li kien indispensabbli li jiġu eliminati d-differenzi bejn ir-regoli ta' proċedura tal-Istati Membri u d-distorsjonijiet tal-kompetizzjoni li kienu rriżultaw minnhom u li jiġu stabbiliti għal dan l-għan kundizzjonijiet minimi fit-tfassil tal-kuntratti kif ukoll il-prinċipju ta' ċarezza tal-informazzjoni[46].

66. Fuq dan il-punt, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 2003/55 jistabbilixxi kundizzjonijiet essenzjali għat-twettiq tas-suq intern tal-gass: filwaqt li l-Artikolu 3(2) jawtorizza lill-Istati Membri li jiddefinixxu obbligi ta' servizz pubbliku bis-saħħa ta' kompetenza li għandhom li jeżerċitaw fl-interess ekonomiku ġenerali, l-Artikolu 3(3) jimponi b'mod ġenerali fuq l-Istati Membri li jieħdu l-passi xierqa biex jipproteġu l-klijenti finali u jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumaturi[47]. L-Artikolu 3(3) fih għalhekk obbligu li jiġu protetti l-klijenti billi b'mod partikolari jitħarsu dawk l-iktar vulnerabbli fosthom. Tal-anqas għall-klijenti residenzjali, il-miżuri mitluba jinkludu l-miżuri li jissemmew fl-Anness A tad-Direttiva 2003/55 li jenfasizza għal darb'oħra, speċjalment fit-tieni sentenza tal-punt d, il-prinċipju ta' ċarezza għall-klijenti residenzjali. Fl-ewwel proposta tagħha tat-13 ta' Marzu 2001, il-Kummissjoni kienet diġà indikat li kien essenzjali li l-iskema proposta tiggarantixxi lil kull ċittadin tal-Komunità dritt universali li jingħata provvista b'rati raġonevoli u numru ta' regoli minimi fil-qasam ta' protezzjoni tal-konsumaturi, billi l-għan kien dak li b'hekk tippermetti lill-konsumatur li jagħżel liberament il-fornitur tiegħu u jibbenefika minn prezz baxx[48]. Il-Kummissjoni mhux biss insistiet fuq dan fid-dawl tal-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tas-17 ta' Jannar 2001, u tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill, tat-3 ta' Frar 2003, imma kkompletat il-proposta emendata tagħha tas-7 ta' Ġunju 2002 billi introduċiet emendi fl-Anness li kienu ġew finalment adottati[49].

44 — Direttiva 98/30/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-22 ta' Ġunju 1998, li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 12, Vol. 2, p. 28).

45 — Ara, dwar il-kronoloġija biss tal-leġiżlazzjoni, il-konklużjonijiet li l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ippreżenta fl-20 ta' Ottubru 2009 fil-kawża Federutility (sentenza tal-20 ta' April 2010, Federutility *et*, C-265/08, Ġabra p. I-3377, fil-punti 36 *et seq*) kif ukoll l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, tas-17 ta' Ottubru 2001, fuq il-"Proposta ta' direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttivi 96/92/KE u 98/30/KE li tirrigwarda regoli komuni għas-suq intern tal-elettriku u tal-gass naturali" u l-"Proposta ta' regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jikkonċerna l-kundizzjonijiet ta' aċċess għan-networks għall-iskambji transkonfinali tal-elettriku" (ĠU 2002 C 36, p. 10, punti 1.1, 1.2. u 2.4).

46 — *Ibidem*, punti 6.1.2. u 6.4.4. Il-Kunsill kien ikkonferma dan fil-pożizzjoni komuni tiegħu (KE) nru 6/2003, tas-6 ta' Frar 2003 (ĠU C 50E, p. 36-58).

47 — COM (2001) finali, p. 22, 37.

48 — *Ibidem*, p. 21, 37.

49 — COM (2002), 304, p. 57.

67. Dan diġà juri li l-protezzjoni tal-konsumatur kellha importanza ikbar fl-implementazzjoni tas-suq intern tal-enerġija u li l-għan imfittex mid-Direttiva ma kienx jikkonsisti sempliċement li żżid il-kapaċità kompetittiva tal-Unjoni iżda li tnaqqas ukoll kemm jista' jkun l-ispejjeż ta' provvista tal-konsumatur u li l-interessi tiegħu kellhom jittieħdu inkunsiderazzjoni bl-iktar mod wiesa' possibbli.

68. Is-sitwazzjoni li kienet tipprevali fil-mument li fih ġiet adottata id-Direttiva 93/13 tippreżenta paralleli evidenti ma' dik li kienet fis-seħħ fil-mument li ġiet adottata d-Direttiva 2003/55: fiż-żewġ każijiet, il-ħsieb kien dak li jiġi gradwalment implementat is-suq intern u fiż-żewġ każijiet kien ikkunsidrat li kien indispensabbli għal dan l-għan li ma tiġix ostakolata l-kompetizzjoni, li huma kienu qegħdin jintroduċu, bi klawżoli li ma jinftiehmux jew inġusti li kienu jiskoraġġixxu lill-konsumatur milli jikkonkludi kuntratti ma' impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor. Il-klawżola ta' ċarezza msemmija fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 b'mod partikolari moqrija flimkien mat-tieni sentenza tal-Anness A(d) ta' dik id-direttiva għandha għalhekk tirċievi l-istess effett u l-istess konsegwenzi legali bħall-prinċipju ta' ċarezza tad-Direttiva 93/13. B'mod partikolari jargumenta favur dik l-interpretazzjoni, il-fatt li, skont l-Anness A, id-drittijiet li l-konsumatur igawdi taħt id-Direttiva 93/13, fost oħrajn, ma għandhomx jiġu kompromessi ("mingħajr preġudizzju").

69. Isegwi li l-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55, li tirregola l-kundizzjonijiet ġenerali kuntrattwali, tikkostitwixxi applikazzjoni partikolari, speċifika għas-suq tal-enerġija, tal-prinċipju ta' ċarezza diġà ggarantit bid-Direttiva 93/13 [50].

3. 3.Portata tal-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-qrati nazzjonali

70. Fir-rigward tad-domanda ċentrali tan-natura abbużiva li għandha tiġi rikonoxxuta jew le fil-klawżola inkwistjoni hawnhekk, għandu jiġi rrilevat l-ewwel nett li, meta jirreferi għall-kunċetti ta' *bona fides* u ta' żbilanċ sinjifikattiv bejn id-drittijiet u obbligi tal-partijiet, l-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13 jiddefinixxi biss b'mod astratt l-elementi li jagħtu natura abbużiva lil klawżola kuntrattwali li ma tkunx is-suġġett ta' negozjati individwali [51]. F'dan il-kuntest, l-Anness li għalih jirreferi l-Artikolu 3(3) tad-direttiva, fih lista indikattiva biss u mhux eżawrjenti ta' klawżoli li jistgħu jiġu ddikjarati inġusti. Klawżola riprodotta fil-lista għalhekk ma għandhiex tiġi neċessarjament iddikjarata bħala abbużiva u, bil-kontra, klawżola li ma tissemmiex hemmhekk tista' madankollu tiġi ddikjarata bħala abbużiva. Isegwi li ma jistax neċessarjament jiġi konkluż li klawżola hija abbużiva sempliċement għaliex hija inkluża fil-lista u li għandha dejjem issir evalwazzjoni awtonoma u ċirkustanzjali tal-klawżola kuntrattwali inkwistjoni fid-dawl tat-termini tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 93/13 [52].

50 — Kif diġà esponejt fil-punt 88 tal-konklużjonijiet ippreżentati fid-29 ta' Novembru 2011 fil-kawża Pereničová u Perenič, (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Marzu 2012, C-453/10), analiżi sistematika turi li l-istrumenti leġiżlattivi adottati sabiex jipproteġu lill-konsumatur jippreżentaw numru ta' rabtiet bejniethom. Din hija r-raġuni għaliex dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala partijiet minn kumpless koerenti ta' regoli li jikkumplementaw lil xulxin (Ara S. Orlando, "The Use of Unfair Contractual Terms as an Unfair Commercial Practice", *European Review of Contract Law*, 2011, p. 25). Dik il-frammentazzjoni li tiġi nnutata anki llum, fir-regoli tal-Unjoni li jipproteġu lill-konsumatur tispjega ruħha fl-evoluzzjoni tal-kuntest li fih il-leġiżlatur tal-Unjoni xtaq joħloq suq intern veru tat-tranżazzjonijiet bejn l-impriżi u l-konsumaturi billi jirregola ċerti oqsma b'ċerti rtokki u fid-dawl tal-acquis Komunitarju.

51 — Sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punt 25); tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-4303, punt 20); tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lizing Zrt.(C-137/08, Ġabra p. I-10847, punt 42), u tas-26 ta' April 2012 , Invitel (C-472/10, punt 25); Digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohohtovost (C-76/10, Ġabra p. I-11557, punti 56 u 58), u f'dan is-sens ukoll P. Remy-Corlay, "La directive 2005/29 sur les pratiques déloyales, directive d'harmonisation maximale", *Revue trimestrielle de droit civil*, 2005, p. 746. Kif jindika X. Lagarde, iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 29, p. 110, l-iżbilanċ għandu jagħti lin-negozjant vantaġġ eċċessiv bi spejjeż tal-konsumatur sabiex il-klawżola tkun tista' tiġi kkwalifikata bħala abbużiva.

52 — Ara f'dan ir-rigward, l-iżviluppi li jiena stabbilixxejt fil-konklużjonijiet ippreżentati fis-6 ta' Diċembru 2011 fil-kawża Invitel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punti 80 *et seq* u r-riferenzi). Kif indika M. Hesselink, fl-Artikolu "Fair prices in the common market on commutative and distributive justice in European contract law", *Diritto privato europeo – Fonte ed effetti, Materiali del seminario dell'8-9 novembre 2002* (edituri Guido Alpa/Remo Danovi), p. 248 *et seq*, il-funzjoni prinċipali tad-dritt Ewropew tal-kuntratti hija dik li tiġi implementata l-ġustizzja ("Justice"), l-ekwità ("Equity") u l-lealtà ("Fairness"). Id-dritt tal-kuntratti għandu jikkontribwixxi sabiex jinstabu soluzzjonijiet ġusti u xierqa. Numru ta' mekkaniżmi tad-dritt tal-kuntratti tal-Ewropa kontinentali u tal-Common Law għandhom dak l-iskop. L-awtur jirrileva madankollu li s-sinjifikat speċifiku tal-kunċetti ta' "ġustizzja" u ta' "lealtà" għadu sal-lum kontrovers.

71. Skont il-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina jekk klawżola kuntrattwali tissodisfax il-kriterji meħtieġa sabiex tiġi kkunsidrata bħala abbużiva fis-sens tad-Direttiva 93/13. Jekk dan huwa l-każ, din il-qorti nazzjonali għandha l-obbligu li tevalwa, jekk hemm bżonn *ex officio*, din il-klawżola fir-rigward tar-rekwiżiti ta' protezzjoni tal-konsumatur previsti minn din id-direttiva [53]. Għall-finijiet ta' din id-domanda preliminari, dan ifisser li hija l-qorti nazzjonali u mhux il-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddetermina n-natura abbużiva tal-klawżola inkwistjoni kif ukoll li l-partijiet kollha fil-proċedura kienu unanimi li jikkunsidrawha fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom.

72. Isegwi li, fir-risposta tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tillimita ruħha sabiex tipprovdi lill-qorti tar-rinviju indikazzjonijiet li din għandha ssegwi sabiex tiddetermina n-natura abbużiva tal-klawżola inkwistjoni [54].

73. Dawn il-motivi jispjegaw il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tal-Qorti tal-Ġustizzja li japplikaw ukoll għall-prinċipju ta' ċarezza speċjalment stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, kif il-Qorti tal-Ġustizzja diġà espressament iddikjarat [55].

74. Kif jiena wrejt iktar 'il fuq fil-punt B.2 [56], dawn il-prinċipji japplikaw ukoll għall-prinċipju ta' ċarezza tad-Direttiva 2003/55 u b'mod partikolari għall-każijiet imsemmja fl-Anness A kif juri r-riferiment li hemm fid-Direttiva 93/13.

75. Għalhekk għandu jiġi stabbilit li huma l-qrati nazzjonali li għandhom il-kompitu li jevalwaw jekk ksur possibbli tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit f'kull waħda mid-Direttivi 93/13 u 2003/55 għandux jiġi kkwalifikat bħala abbużiv, imma li l-Qorti tal-Ġustizzja tista' madankollu tipprovdi indikazzjonijiet.

4. Eżami tal-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni fid-dawl tal-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 moqrija b'mod partikolari fid-dawl tal-punt 1(j) u tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13

76. Għandu għalhekk jiġi eżaminat jekk il-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz applikata mill-konvenuta tistax tissodisfa l-kundizzjonijiet meħtieġa mid-Direttiva 93/13 u b'mod partikolari l-prinċipju ta' ċarezza li hemm stabbilit fiha.

53 — Sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügiy Lizing Zrt. (C-137/08, iċċitata iktar 'il fuq fin-noti ta' qiegħ il-paġna 51, punti 42, 43 u 49). Ara, fuq id-diviżjoni tal-ġurisdizzjoni bejn il-Qorti tal-Ġustizzja u l-qrati nazzjonali fil-qasam ta' klawżoli abbużivi H. Aubry, E. Poillot, N. Sauphanor-Brouillard, "Droit de la consommation – Études et commentaires", *Recueil Dalloz*, 2010, Nru. 13, p. 798; H. Schulte-Nölke, juri wkoll fl-artikolu tiegħu "Scope and Role of the horizontal directive and its relationship to the CFR", R. Schulze, (editur) *Modernising and Harmonising Consumer Contract Law*, München 2009, p. 44, li fl-aħħar mill-aħħar huwa l-kompitu tal-qrati nazzjonali li għandhom jiddeterminaw in-natura abbużiva ta' klawżola kuntrattwali li tinsab fil-kundizzjonijiet ġenerali b'applikazzjoni tar-regoli interni tagħhom; ara fuq dan il-punt ukoll b'mod ġenerali rigward l-obbligu tal-qrati nazzjonali li jiddeċiedu b'rispett lejn id-direttivi u għalhekk jimplementaw b'mod effettiv id-dritt Komunitarju, S. Griller, "Direktwirkung und richtlinienkonforme Auslegung" f'T. Eilmannsberger, Gl. Herzig, (edituri), *10 Jahre Anwendung des Gemeinschaftsrechts in Österreich*, Vjenna, Graz 2006, p. 94.

54 — Sentenzi tal-4 ta' Ġunju 2009, Pannon GSM (C-243/08, Ġabra p. I-4713, punt 42); tal-1 ta' April 2004, Freiburger Kommunalbauten (C-237/02, Ġabra p. I-4303, punt 22); tas-26 ta' Ottubru 2006, Mostaza Claro (C-168/05, Ġabra p. I-10421, punt 22); tad-9 ta' Novembru 2010, VB Pénzügyi Lizing Zrt.(C-137/08, iċċitata iktar 'il fuq fin-noti ta' qiegħi il-paġna 51, punti 43 u 44 *et seq*); u Invitel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 22). H. Eidenmüller, F. Faust, H.C. Grigoleit, N. Jansen, G. Wagner, R. Zimmermann, fl-artikoli tagħhom "Towards a revision of the consumer acquis", *Common Market Law Review*, 2011, p. 1093 *et seq*., u "The Common Frame of Reference for European Private Law – Policy Choices and Codification Problems", *Oxford Journal of Legal Studies*, Volume 28, Nr. 4 (2008), p. 677, kif ukoll J. Basedow fl-artikolu tiegħu "Der Europäische Gerichtshof und das Privatrecht", *Archiv für die civilistische Praxis*, Volume 210 (2010), p. 173 *et seq*, li jilmentaw li l-bidu tal-armonizzazzjoni minima ma għenitx sostanzjalment għall-istandardizzazzjoni tad-dritt privat Ewropew. Barra minn hekk, l-istħarriġ tal-klawżoli kuntrattwali ġie fdat lill-qrati nazzjonali li jibbażaw ruħhom f'dan ir-rigward fuq normi u prinċipji nazzjonali. L-istat attwali tal-istħarriġ tal-klawżoli abbużivi ma huwiex sodisfaċenti, fin-nuqqas ta' linji gwida uniformi. Parti mid-duttrina, għalhekk, tipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, abbażi ta' testi ta' riferiment bħalma huwa l-qafas komuni ta' riferiment ("Common Frame of Reference") li tiżviluppa regoli Ewropej sabiex taċċerta attitudini uniformi fl-Unjoni kollha fl-istħarriġ tal-klawżoli abbużivi, f'dan is-sens b'mod partikolari C. von Bar fi "Die Funktionen des Gemeinsamen Referenzrahmens", M. Schmidt-Kessel, (editur), *Der Gemeinsame Referenzrahmen*, Munich 2009, p. 26, u "Gemeinsamer Referenzrahmen für europäisches Schuld- und Sachenrecht", *Zeitschrift für Rechtspolitik*, 2005, p. 165, 168.

55 — Digriet tas-16 ta' Novembru 2010, Pohotovosť (C-76/10, punt 3 tad-dispożittiv), sentenza Invitel (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punti 27 u 30).

56 — Ara l-punti 65 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

a) Kundizzjonijiet essenzjali ta' validità ta' klawżola ta' reviżjoni ta' prezz

77. Il-prinċipju ta' ċarezza stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 jitlob li l-klawżoli miktuba jkunu dejjem ċari u jinftiehmu u li, f'każ ta' dubju dwar il-portata ta' klawżola, din tiġi interpretata favur il-konsumatur. Skont l-għan tad-Direttiva 93/13, deskritt iktar 'il fuq, dan il-prinċipju għandu jippermetti kemm li jiġu ggarantiti adegwatament l-interessi tal-konsumatur kif ukoll li jiġi ffaċilitat is-suq intern liberu [57]. Huwa paċifiku li l-kuntratti inkwistjoni għal provvista ta' gass, fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħhom, ma jinkludu l-ebda klawżola li tispeċifika l-kundizzjonijiet kif ukoll ir-regoli u l-portata ta' żieda ta' prezz imma sempliċement jirreferu għall-Artikolu 4 AVBGasV. L-Artikolu 4 AVBGasV ma jipprovdix iktar dettalji fuq dan il-punt imma jillimita ruħu li jirreferi, għall-prezz tal-gass attwalment pagabbli, għal tariffi u kundizzjonijiet ġenerali li jkollhom effett biss mill-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom.

78. Dispożizzjoni daqstant vaga ġeneralment ma hijiex ċara għall-konsumatur minħabba s-sempliċi fatt li fid-dikjarazzjonijiet tagħha hija ssemmi biss il-prezz attwali u mhux ukoll iż-żidiet possibbli fil-prezz. Jidher dubjuż fi kwalunkwe każ li d-dritt, li l-ġurisprudenza nazzjonali tiġbed minn tali dispożizzjoni sabiex tirrikonoxxi lill-fornitur tal-gass dritt li jżid il-prezz, kif tesponi l-Bundesgerichtshof fid-deċiżjoni tar-rinviju tagħha, jista' jibdel dak li huwa possibbilment ksur tal-prinċipju ta' ċarezza speċjalment għaliex dik id-dispożizzjoni ssemmi biss il-klijenti li jaqgħu taħt it-tariffa standard, kif speċifikat fil-kamp ta' applikazzjoni tal-AVBGasV u li, barra minn hekk, il-konsumatur ma jistax jara meta u taħt liema kundizzjonijiet seta' jkun hemm żieda fil-prezz. F'dawn iċ-ċirkustanzi, konsumatur ma jistax jivverifika l-ġustifikazzjoni ta' żieda fil-prezz meta huwa magħruf li sikwit huwa ma jkunx jaf bil-ġurisprudenza stabbilita għal dawn il-materji u ma jistax għalhekk ikun jaf il-kundizzjonijiet li għandha tissodisfa żieda fil-prezz sabiex tkun tista' tiġi validament mitluba mill-fornitur tal-gass.

79. Għaldaqstant jista' jkun hemm dubju li l-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni hawnhekk tissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mill-prinċipju ta' ċarezza stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13.

b) Attenwanti tal-prinċipju ta' ċarezza permezz tal-mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-konsumatur

80. Fil-motivi tagħha, il-qorti tar-rinviju terġa' turi li hawnhekk ukoll hija ma tikkunsidrax mill-ewwel li l-klawżola hija ċara suffiċjentement fiha nnifisha fl-applikazzjoni li hija tirċievi fil-kawża prinċipali. Fuq dan dan il-punt, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk in-nuqqas ta' ċarezza ta' klawżola ta' reviżjoni ta' prezz jistax ikun ikkumpensat minn mekkaniżmi ta' protezzjoni tal-konsumatur li jikkonsistu fir-rekwiżit ta' notifika mandatarja minn qabel ta' kull żieda fil-prezz u fil-possibbiltà għall-konsumatur li jissuġġetta ż-żieda fil-prezz għall-istħarriġ ta' qorti u li jirrexindi l-kuntratt.

i) Possibbiltà ta' rexissjoni

81. Il-qorti tar-rinviju tikkunsidra, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(1) u (3) tad-Direttiva 93/13 u tal-punti 1(j) u 2(b) tal-anness tagħha, li ksur tal-prinċipju ta' ċarezza jista' jiġi kkumpensat bil-possibbiltà ta' rexissjoni mogħtija lill-konsumatur.

82. Il-punt 1(j) tal-Anness għall-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 93/13 isemmi bħala fattur li jista' jwassal sabiex klawżola kuntrattwali mhix innegozjata jkollha natura abbużiva, id-dritt mogħti lin-negozjant li jibdel unilateralment it-termini tal-kuntratt mingħajr raġuni valida u speċifikata fil-kuntratt, mingħajr ma jsemmi l-possibbiltà ta' rexissjoni. Billi r-raġunijiet li għalihom il-fornitur ta' enerġija jirrevedi l-prezz ma jissemmewx fl-Artikolu 4 AVBGasV, din id-dispożizzjoni ma tiżvelax il-possibbiltà ta' kumpens.

57 — R. Van Gool, *Die Problematik des Rechts der missbräuchlichen Klauseln und die EG-Richtlinie über missbräuchliche Klauseln in Verbraucherverträgen*, Frankfurt am Main, 2002, p. 199; C. Aubert de Vincelles, "Anmerkung zum Urteil Pénzügyi Lizing", C-137/08, *Revue trimestrielle de droit européen*, 2011, p. 632.

83. Il-pożizzjoni hija differenti taħt it-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13, li tillimita l-portata tal-punt 1(j), billi tillimita, fil-kuntratti għal żmien indeterminat, id-dritt tan-negozjant li jibdel unilateralment il-kuntratt sakemm huwa jagħti preavviż u sakemm il-konsumatur ikollu l-possibbiltà li jirrexindi l-kuntratt.

84. Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat reċentement, madankollu, fis-sentenza Invitel, tas-26 ta' April 2012, li klawżola kuntrattwali ta' reviżjoni tal-ispiża totali tas-servizz li għandu jingħata lill-konsumatur tissodisfa l-kundizzjonijiet mitluba mill-punti 1(j) u (l) u 2(b) u (d) tal-Anness tad-Direttiva biss jekk, naturalment, hija tagħti dritt ta' rexissjoni lill-konsumatur imma, iktar importanti, jekk hija tindika b'mod partikolari l-motiv jew il-metodu ta' varjazzjoni ta' din l-ispiża[58]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ċċarat espressament li dan il-prinċipju bażiku ma jħalli lok għal ebda eċċezzjoni u japplika għaldaqstant għall-kuntratti għal żmien indeterminat imsemmija fit-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3 tad-Direttiva 93/13. Din hija r-raġuni li għaliha ma jistax jiġi kkunsidrat li ksur eventwali tal-prinċipju ta' ċarezza jista' jiġi rettifikat bil-possibbiltà ta' rexissjoni. F'dik id-dispożizzjoni, l-awturi tad-Direttiva sempliċement ħadu kont tal-interess leġittimu tan-negozjant minħabba li ma jistax raġonevolment jiġi mistenni, speċifikament fil-kuntratti suċċessivi, li jkun marbut għal żmien indefinit bil-kundizzjonijiet tal-kuntratt konkluż. L-interess daqstant ieħor leġittimu tal-konsumatur quddiem dawn il-varjazzjonijiet huwa osservat bl-obbligu impost fuq in-negozjant li jinnotifika ż-żieda fi żmien xieraq kif ukoll bid-dritt tal-konsumatur li jirrexindi l-kuntratt. L-obbligu tan-negozjant li jinnotifika ż-żieda fi żmien xieraq iħalli b'mod partikolari lill-konsumatur żmien xieraq ta' riflessjoni li matulu huwa jista' jiddeċiedi, billi jipparaguna ma' offerti oħra, li jkompli l-kuntratt eżistenti taħt kundizzjonijiet ġodda jew jippreferi parti kontraenti oħra.

85. Fl-ispirtu tal-eċċezzjoni li tinsab fit-tieni sentenza tal-punt 2(b) tal-anness, il-possibbiltà ta' rexissjoni mogħtija lill-konsumatur ma tistax tkun waħda sempliċement formali iżda għandha tkun tista' tiġi eżerċitata realment wara żmien xieraq ta' riflessjoni. Fil-fatt, l-ibbilanċjar tal-interessi li għadni kif iddeskrivejt jirrikjedi li l-possibbiltà tal-parti kontraenti li żżid il-prezz unilateralment tista' tkun iġġustifikata biss jekk il-konsumatur huwa debitament protett billi jkollu l-possibbiltà li ma jkomplix il-kuntratt taħt il-kundizzjonijiet ġodda. L-indikazzjonijiet tal-qorti tar-rinviju juru madankollu li l-konsumatur ma kellux verament din il-possibbiltà ta' rexissjoni u li n-negozjant lanqas ma kellu l-obbligu li jinnotifika ż-żieda tal-prezz fi żmien xieraq sabiex jippermetti lill-konsumatur li jikkunsidra possibbiltajiet alternattivi. Jirriżulta pjuttost li l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-gass kienet għadha ma rnexxietx biżżejjed sabiex fornitur ieħor tal-gass ikun jista' jissostitwixxi lilu nnifsu mal-konvenuta fil-prestazzjonijiet lill-konsumaturi finali. Iż-żidiet fil-prezz kienu wkoll daħlu fis-seħħ min-notifika tagħhom, skont it-termini tal-AVBGasV, b'mod li mhux biss il-konsumatur ma kellux iż-żmien ta' riflessjoni previst mid-direttiva iżda wkoll lanqas ma seta jinħall mill-kuntratt fi żmien xieraq sabiex iż-żidiet fil-prezz ma jkunux riflessi, anki jekk għal żmien qasir, qabel rexissjoni possibbli.

86. Il-fatt li, fil-kuntratti għal żmien indeterminat, in-negozjant għandu d-dritt jimmodifika l-kuntratt mingħajr raġuni valida ma jippermettix, fil-fehma tiegħi, li jiġi konkluż li ma huwiex rilevanti li emenda tal-kuntratt, bħal ma hija żieda fil-prezz, toħroġ minn klawżola kuntrarja għall-prinċipju ta' ċarezza. Dawn huma żewġ affarijiet differenti: id-dritt ta' modifika ta' kuntratt għal żmien indeterminat, b'mod partikolari wkoll dak li jiżdied il-prezz miftiehem, jippresupponi kuntratt diġà eżistenti li jista' jiġi aġġustat biss fid-dawl tal-iżvilupp taċ-ċirkustanzi. Għall-kuntrarju, il-prinċipju ta' ċarezza jikkonċerna b'mod partikolari wkoll il-libertà ta' għażla tal-konsumatur li għandha tippermettilu l-aċċess għal servizzi u x-xiri ta' merkanzija fi Stati Membri oħra bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet adottati fuq dan il-punt sabiex jipproteġuh kontra l-abbużi, kif jingħad, ukoll sabiex gradwalment jinħoloq suq intern. Il-prinċipju ta' ċarezza jikkonċerna wkoll b'mod partikolari l-mument li fih ġie konkluż il-kuntratt. Normalment, il-konsumatur jeżamina għalhekk fid-dettall il-klawżoli ta' reviżjoni ta' prezz speċifikament sabiex jiżgura ruħu dwar il-kwalità tal-offerti differenti. Huwa f'din il-perspettiva li

58 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 24; f'dan is-sens ukoll J. Rochfeld, "Clauses abusives, Liste réglementaire noire u grise", Revue trimestrielle de droit civil. 2009, p. 383.

tispjega ruħha wkoll id-dispożizzjoni li tirrigwarda speċifikament il-kuntratti għal żmien indeterminat fl-Anness tad-Direttiva 93/13 fit-tieni sentenza tal-punt 2(b): jekk id-direttiva inkwistjoni ġiet adottata bil-premessa li modifika tal-kuntratt kienet ammessa biss għall-kuntratti għal żmien indeterminat u billi jiġu osservati kundizzjonijiet oħra hemm stabbiliti, isegwi għall-kuntrarju li dan ma jiswiex għat-tipi l-oħra ta' kuntratt. L-indikazzjonijiet li l-Qorti tal-Ġustizzja tat fis-sentenza Invitel jiswew fl-istess sens fejn hija ċċarat espressament li l-konsumatur għandu jkun f'pożizzjoni li jipprevedi l-ispejjeż marbuta mas-servizz li għandu jiġi pprovdut [59].

87. Għandu għalhekk jiġi kkunsidrat li klawżola mhux ċara taqa' wkoll taħt il-lista tal-Anness għall-Artikolu 3(3), anki jekk il-konsumatur għandu l-possibbiltà li jirrexindi l-kuntratt.

ii) Possibbiltà li l-klawżola tiġi ssuġġettata għall-istħarriġ tal-qorti

88. Ksur tal-prinċipju ta' ċarezza, u b'mod partikolari klawżola ta' reviżjoni ta' prezz mhux ċara, ma jistax jiġi rrettifikat bil-fatt li l-ordinament ġuridiku intern jagħti lill-konsumatur il-possibbiltà li jissuġġetta ż-żieda fil-prezz għall-istħarriġ ta' qorti. Dan sejjer jeqred l-għan tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 li jimponi li, f'każ ta' dubju, il-klawżoli jiġu interpretati kontra l-parti kontraenti li tistipulahom. F'dan il-każ, ser ikun x'aktarx il-konsumatur li sejjer ibati r-riskju ta' proċess mingħajr ma jkun jista' jevalwah kif ukoll ir-riskju finanzjarju li dan jinvolvi. Il-konsumatur jista' madankollu jkun verament protett biss jekk ikun jista' jivverifika huwa stess il-ġustifikazzjoni ta' żieda fil-prezz fid-dawl tat-termini tal-kuntratt.

iii) Evalwazzjoni finali

89. L-interpretazzjoni esposta iktar 'il fuq ma ċċaħħadx lin-negozjant minn xi dritt. Jibqa' possibbli għalih, f'kuntratt għal żmien indeterminat, li jirrexindih skont ir-regoli sabiex b'hekk jinħall mill-kuntratt. Iżda huwa veru li, jekk ikun il-każ, huwa stess għandu jħallas iż-żidiet fil-prezz li jsofri matul it-termini ta' preavviż u l-kontinwazzjoni tal-kuntratt, b'mod partikolari wara żieda fl-ispejjeż mingħand il-fornituri tiegħu. Iżda dan huwa riskju li għandu jassumih huwa stess skont id-Direttiva 93/13. Dan ma jidhirx inġust b'mod partikolari għaliex huwa stess ta bidu għal din il-konsegwenza peress li stipula kundizzjonijiet ġenerali mhux ċari.

90. Il-kunsiderazzjoni espressa fid-deċiżjoni ta' rinviju hija irrilevanti f'dan ir-rigward fejn il-qorti tar-rinviju tindika li l-AVBGasV kien diġà magħruf fiż-żmien li d-direttiva kienet ġiet adottata b'mod li għandu jiġi kkunsidrat li dan id-digriet kellu jibqa' intatt [60]. Ma rridux ninsew f'dan ir-rigward li, fil-mument meta d-Direttiva 93/13 daħlet fis-seħħ, kienu biss xi ftit Stati Membri fosthom b'mod partikolari l-Ġermanja, il-Pajjiżi l-Baxxi u l-Portugall li kellhom diġà leġiżlazzjoni speċifika fuq il-klawżoli inġusti, u li oħrajn għall-kuntrarju, bħall-Irlanda, l-Italja jew il-Belġju ma kinux illeġiżlaw jew kienu illeġiżlaw b'mod sporadiku u li kien evidenti għalhekk li d-Direttiva 93/13 kienet titlob emendi importanti fil-leġiżlazzjoni interna tal-Istati Membri [61].

91. Għandu għalhekk jiġi konkluż f'dan l-istadju intermedjarju li ksur tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit fl-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 ma jitħassarx bil-fatt li ż-żieda ta' prezz li titnissel minn klawżola mhux ċara tkun innotifika fi żmien xieraq lill-konsumatur jew li dan jingħata d-dritt li jissuġġetta dik iż-żieda għall-istħarriġ ta' qorti jew li jirrexindi l-kuntratt, anke jekk ikun każ ta' kuntratt għal żmien indeterminat.

59 — Iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 51, punt 28; S. Vigneron-Maggio-Avrile, iċċitat iktar 'il fuq, p. 158, jinvoka espressament in-neċessità ta' possibbiltà minn qabel ta' stħarriġ u ta' ftehim.

60 — Ara l-punt 30.

61 — Ara r-rapport tal-Kummissjoni COM (2000) 0248 finali, iċċitat iktar 'il fuq, fit-titolu "Observations supplémentaires", taħt (a).

5. Eżami tal-klawżola ta' reviżjoni ta' prezz inkwistjoni fid-dawl tal-klawżola ta' ċarezza tal-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 moqri b'mod partikolari fid-dawl tal-Anness A

92. L-argumenti preċedenti japplikaw ukoll għall-prinċipju ta' ċarezza stabbilit fl-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55.

93. Il-formulazzjoni tal-aħħar inċiż tal-Anness A(a) turi b'mod ċar li l-kundizzjonijiet kuntrattwali għandhom mhux biss ikunu ġusti imma wkoll magħrufa minn qabel. L-istess bħad-Direttiva 93/13, id-Direttiva 2003/55 tieħu inkunsiderazzjoni għalhekk il-fatt li suq intern tal-gass liberu u miftuħ għall-kompetizzjoni jippresupponi paragun oġġettiv tal-offerti kuntrattwali minn qabel il-konklużjoni tal-kuntratt kif juru wkoll ir-regoli tal-punt d) applikabbli għall-konsumaturi residenzjali. Skont ir-regoli li jinsabu fil-punt ċ) tal-anness, f'dak il-ħin diġà kellha tingħata informazzjoni ċara fuq il-prezz u r-rati fis-seħħ.

94. Il-punt (b) tal-Anness A jirreferi għall-kuntrarju wkoll il-każ imsemmi fid-Direttiva 93/13 fl-Anness għall-Artikolu 3(2)(b), ta' kuntratti għal żmien indeterminat frekwenti fil-provvista ta' gass. Dik id-distinzjoni magħmula mill-awturi tad-direttiva turi li huwa inqas u inqas leċitu li fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 93/13 jiġi kkumpensat ksur tal-prinċipju ta' ċarezza b'mod partikolari fi klawżola ta' reviżjoni ta' prezz, bil-possibbiltà ta' rexissjoni tal-konsumatur jew bil-possibbiltà li jissuġġetta l-klawżola għall-istħarriġ tal-qorti. Fuq dan il-punt, nirreferi, sabiex nevita repetizzjonijiet, għall-argumenti li għamilt fuq il-portata tal-prinċipju ta' ċarezza tad-Direttiva 93/13 [62].

95. Iżda, speċifikament fil-kuntest tal-Anness A(b), għandha tkun presupposta l-eżistenza ta' possibbiltà reali ta' rexissjoni abbinata fl-istess ħin mal-possibbiltà, f'każ ta' dubju, ta' forniment tal-gass iktar vantaġġuż mingħand fornitur ieħor. Għandha tingħata iktar attenzjoni f'dan il-kuntest għall-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 li jimponi l-obbligu fuq l-Istati Membri li jieħdu l-miżuri sabiex tiġi evitata l-interruzzjoni tal-forniment tal-gass lill-konsumaturi. Hija proprjament din l-interruzzjoni ta' provvista li tirriżulta jekk jiġi propost lill-klijenti, f'każ ta' żieda fil-prezz, il-possibbiltà ta' rexissjoni ineżistenti fil-fatt jew tibdil ta' fornitur impossibbli fil-fatt. Għall-kuntrarju, ikun possibbli għall-fornitur, f'dan il-każ, li japplika ż-żidiet fil-prezz li l-klijent ma jkunx jista' jivverifika l-ġustifikazzjoni għalihom u li ma jistax jopponi ruħu għalihom billi jirrikorri għal fornitur ieħor tal-gass.

96. Jirriżulta minn dan kollu li ksur tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit mill-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 ma jistax jiġi kkumpensat jew rettifikat mill-fatt li ż-żieda ta' prezz li tirriżulta mill-klawżola mhix ċara tiġi nnotifikata fi żmien xieraq lill-konsumatur u li dan ikollu d-dritt li jissuġġetta dik iż-żieda għall-istħarriġ ta' qorti jew għal rexissjoni jew xoljiment tal-kuntratt.

6. Sunt

97. Għal dawn ir-raġunijiet, nipproponi li r-risposta għat-tieni domanda tkun li l-ksur tal-prinċipju ta' ċarezza stabbilit mill-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13 u l-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 2003/55 moqri flimkien mal-Anness A tagħha, ma jistgħux jiġu rrettifikati b'notifika magħmula fi żmien xieraq min-negozjant la permezz tal-possibbiltà tal-konsumatur li jirrexindi l-kuntratt jew li jressaq il-każ quddiem il-qorti.

62 — Ara l-punti 69 u 70.

C – C - Fuq il-limitazzjoni possibbli tal-effetti tas-sentenza

98. Għandu fl-aħħar nett jiġi eżaminat is-suġġeriment tal-konvenuta u tal-Gvern Ġermaniż li l-effetti tas-sentenza jiġu limitati billi jiġu posposti għal perijodu ta' għoxrin xahar wara li tingħata s-sentenza għall-konvenuta u billi jitnaqqsu għall-kuntratti konklużi wara li tingħata s-sentenza għall-Gvern Ġermaniż.

99. Għandi nindika fuq dan il-punt li, fis-sentenza tagħha Meilicke, tas-6 ta' Marzu 2007, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat mill-ġdid il-ġurisprudenza stabbilita tagħha billi riedet li s-sentenzi għal deċiżjoni preliminari tagħha jkollhom effett retroattiv mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjoni legali Komunitarja li tkun irċeviet l-interpretazzjoni għaliex din tiċċara u tippreċiża t-tifsira u l-portata ta' dik ir-regola, kif għandha u kif kellha tkun mifhuma u applikata mill-mument tad-dħul fis-seħħ tagħha. F'dik is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja kienet indikat ukoll għal darba oħra li huwa biss eċċezzjonalment li hija tista', b'applikazzjoni tal-prinċipju ġenerali ta' ċertezza legali, tasal sabiex tillimita dak l-effett *ratione temporis* sabiex tevita li relazzjonijiet ġuridiċi konklużi *in bona fides* jiġu kkontestati minħabba f'hekk.[63]

100. Il-kundizzjonijiet li taħthom dik ir-restrizzjoni tista' tkun iġġustifikata jirriżultaw mill-ġurisprudenza preċedenti li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat żewġ kriterji essenzjali li għandhom jiġu sodisfatti, jiġifieri l-*bona fides* tal-persuna kkonċernata u r-riskju ta' problemi serji għall-Istat[64]. F'dan il-każ, jidhirli li dawn iż-żewġ kundizzjonijiet ma humiex issodisfatti. Ma rridux ninsew f'dan ir-rigward li l-konvenuta hija impriża rregolata mid-dritt privat anki jekk l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jkollhom sehem importanti fiha. Isegwi li ma jistax jiġi immaġinat li ser ikun hemm problemi serji fis-sens hawn fuq iċċitat. Dan huwa iktar u iktar il-każ ladarba nafu li l-AVBGas kien tħassar fil-frattemp b'leġiżlazzjoni oħra b'mod li ma nara l-ebda ħtieġa li l-effetti tas-sentenza jiġu limitati *ratione temporis* għaliex dawn ikunu minħabba dan il-fatt imċaħħda minn kull effett. Barra minn hekk, ma narax sa fejn iż-żewġ kontraenti jistgħu jitqiesu li kkonkludew ir-relazzjonijiet kuntrattwali bejniethom *in bona fides* sabiex tiġi permessa żieda fil-prezz. Jista' jkun li l-konvenuta kienet ħasbet li setgħet tapplika ż-żieda fil-prezz mingħajr ftehim kuntrattwali speċifiku. Fid-dawl tar-regola espressa iktar 'il fuq tal-Artikolu 5 tad-Direttiva 93/13, li tivvantaġġa f'każ ta' dubju fir-rigward ta' klawżola mhux ċara, l-interpretazzjonijiet favur il-konsumatur[65], dan it-twemmin ma jistax madankollu jistħoqqlu protezzjoni.

101. Għaldaqstant ma hemmx lok li limitazzjoni tal-effetti tas-sentenza tiġi kkunsidrata.

VII – Konklużjonijiet

102. Għal dawn il-motivi, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tirrispondi għad-domandi tal-Bundesgerichtshof kif ġej:

1. L-Artikolu 1(2) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandu jiġi interpretat fis-sens li jistgħu jiġu kkwalifikati bħala "dispożizzjonijiet mandatarji" fis-sens ta' dan l-artikolu biss id-dispożizzjonijiet li huma intiżi legalment għall-kategorija ta' persuni bħala partijiet kontraenti u għat-tip ta' kuntratt li huma għandhom f'moħħhom u huwa irrilevanti li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu imposti bħala tali fuq il-partijiet jew jistgħu jiġu emendati minnhom.

63 — Sentenza tas-6 ta' Marzu 2007, Meilicke *et* (C-292/04, Ġabra p. I-1835, punti 34 *et seq*).

64 — Sentenzi tat-28 ta' Settembru 1994, Vroege (C-57/93, Ġabra p. I-04541, punt 21); tat-12 ta' Ottubru 2000, Cooke (C-372/98, Ġabra p. I-8683, punt 42); tal-10 ta' Jannar 2006, Skov (C-402/03, Ġabra p. I-199, punt 51); tat-30 ta' Marzu 2006, Uudenkaupungin kaupunki, (C-184/04, Ġabra p. I-3039, punt 55); tal-5 ta' Ottubru 2006, Nádasdi (C- 290/05 u C-333/05, Ġabra p. I-10115, punt 63), u tat-18 ta' Jannar 2007, Maciej Brzezinski (C-313/05, Ġabra p. I-513, punt 56).

65 — Ara l-punti 80 u 81.

2. Il-prinċipju ta' ċarezza li jinsab fid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikoli 3 u 5 u tal-punt 1(j) u t-tieni parti tal-punt 2(b) tal-Anness għall-Artikolu 3(3) tad-Direttiva 93/13 kif ukoll fid-dispożizzjonijiet magħquda tal-Artikolu 3(3) u tal-Anness A(b) jew (ċ) tad-Direttiva 2003/55/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Ġunju 2003, rigward regoli komuni għas-suq intern fil-gass naturali u li tħassar id-Direttiva 98/30/KE, għandu jitqies li nkiser anki jekk il-kuntratt jiggarantixxi li l-impriża ta' provvista ta' gass tagħti preavviż raġonevoli ta' żieda tal-prezz lill-klijenti tagħha u dawn ikunu liberi li jirrexindu l-kuntratt jekk ma jixtiqux jaċċettaw il-kundizzjonijiet ġodda nnotifikati.